NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

SETTEMBRU – DIĊEMBRU 2019

Nru 198

## EXIVIT VINCENS UT VINCERET





# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali,Bażilika San Ġorġ,Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Spejjeż li ma jidhrux!

F'dawn l-aħħar xhur, il-Parroċċa kienet għaddejja b'diversi proġetti, fosthom dawk parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Dawn kienu r-restawr tal-koppla minn ġew kif ukoll ir-restawr tal-kwadri laterali ta' Francesco Zahra.

M'hemmx dubju li l-fondi tal-UE u tal-Istat Malti huma ta' għajnuna kbira, għaliex jiżguraw dħul sostanzjali biex jittaffew l-ispejjeż kbar. Kien għalhekk li l-Parroċċa daħlet għal dawn il-proġetti, għax kellha dan id-dħul żgurat. Imma l-komunità parrokkjali riedet ukoll tagħmel il-parti tagħha. Riedet tħallas il-parti tal-finanzjament li kien fadal. Minbarra l-parti tal-finanzjament tar-restawr, kellna nagħmlu ħlasijiet addizzjonali li ġew mal-proġett u li forsi mhux kulħadd ikun jaf bihom. Kellna spejjeż oħra li jinkludu l-kumpanija tal-immaniġġjar tal-proġett, il-konsulenza fuq it-teknika tar-restawr, u oħrajn relatati mar-restawr u r-rinnovazzjoni tal-koppla. Dawn jammontaw għal eluf ta' ewro li l-Parroċċa kellha toħroġ minn butha.

Meta allura jaslulkom is-sejħat għall-għajnuna finanzjarja, dawn ikunu appelli ġenwini biex il-Parroċċa tkopri spejjeż żejda li ħafna drabi ma jidhrux, imma jkunu essenzjali biex il-proġett ikun jista' jiġi konkluż.

F'din il-ħarġa qed nagħtu ħarsa dettaljata lejn it-tieni parti tal-proġetti kbar ta' restawr: il-koppla. Kien proġett li dam aktar minn sena u li grazzi għalih nistgħu nerġgħu ngawdu l-kobor tal-pittur Conti u d-dekoratur Galea. Dan sar bil-ħidma ta' tant persuni u voluntiera li stinkaw bla qies għall-aħjar tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Mess lilna li, bl-għajnuna ta' ħafna persuni, nerġgħu nagħtu lura l-glorja oriġinali tagħha lil din l-opra tal-arti imprezzabbli b'pajjiżna.

### *Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

13/10/2019 **Kaiden** bin Michael Farugia u Sylvia Tabone
18/10/2019 **Matteo** bin Marvic Mizzi u Dorianne Farrugia
19/10/2019 **Tom** bin Jove Jankowku u Michaela Haferkamp
19/10/2019 **Tyron** bin Jove Jankowk u Michaela Haferkamp
27/10/2019 **Timothy** bin Christopher Mizzi u Vanessa Marie Grech
10/11/2019 **Giulia Clarie** bint Shawn Pierre Bajada u Chistiana Farrugia
19/11/2019 **Lucas** bin Nicolò Tesconi u Rebecca Elizabeth Grech
24/11/2019 **Kinsley** bint Gabriel Sillato u Alessia Camilleri
01/12/2019 **Ġorġ Melkjor** bin Alan Cordina u Mariella Cassar
08/12/2019 **George** bin Nesli Karagjorzi u Raisa Georgina Mercieca
15/12/2019 **Kate** bint Eris Borg u Charlene Galea

### *Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

21/09/2019 **Alexei Mario Zammit** u **Cynthia Roxanne Pace**
13/10/2019 **Michel Hili** u **Anna Marie Tabone**
18/10/2019 **Nico Robert Blainberger** u **Sophia Angelina Cefai**
28/11/2019 **Godwin Borg** u **Carmen Schmidt**
14/12/2019 **Carmel Mercieca** u **Nicole Attard**
14/12/2019 **Anthony Mercieca** u **Maureen Vella**
21/12/2019 **John Borg** u **Maria Cremona**
21/12/2019 **Marvic Mizzi** u **Doriann Farrugia**

### *Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

11/09/2019 **Stella Vella**
17/09/2019 **Paola Xuereb**
21/10/2019 **Cecile Cauchi**
15/11/2019 **Domenic Grech**
27/12/2019 **Mary Anne Sultana**

**DONAZZJONIJIET** Rose Grima (il-Belt Victoria) – €5; Mons. Coronato Grima (il-Belt Victoria) – €20.

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.



BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Ivan Galea, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Joseph Curmi*



archpriestsgeorge@gmail.com

## Il-kobor ta' Alla

Min jemmen f'Alla jħoss fih li Alla hu tant kbir li tista' biss tegħreq fil-kobor tal-imħabba tiegħu. Il-ħolqien, l-arti, il-mużika, is-sbuħija huma biss sinjal mikroskopiku tal-kobor infinit tiegħu. Quddiem dan il-kobor il-bniedem jibża' u jistaħba għax jagħraf id-dgħufija u ċ-ċokon tiegħu. Iżda Alla, ta' għani fil-ħniena li hu, għamel minn kollox biex ikun qrib il-bniedem, saħansitra bagħat lil Ibnu fid-dinja biex min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem.

**It-tempju**

Il-bniedem min-naħa tiegħu l-ikbar u l-isbaħ tempji dejjem għamilhom lil xi 'alla' li kien jemmen fih. It-tempji lill-allat dejjem kienu l-ikbar u l-isbaħ, għaliex dan l-'alla' kien ifisser għalih ġid u prosperità. Il-bniedem għandu bżonn jara minn barra sinjal tal-kobor. Fil-fatt tista' tagħraf min hu 'alla' tal-bniedem ta' żmienna minn fejn jinvesti l-iktar l-enerġija u l-ikbar affarijiet li jagħmel. Iżda wieħed ma jridx jinsa li l-'allat' foloz kollha jitolbuna lura ħajjitna. Jeħdulna kollox, ftit ftit. Alla wieħed biss hemm li jeħles. Hekk jibdew il-kmandamenti ta' Alla tagħna: Jien hu Alla li ħlistek minn dar il-jasar, tpoġġix allat oħra qabli.

**Il-knisja**

Il-knejjes għall-bniedem huma post fejn jiltaqa' mal-kobor ta' Alla. Hu veru li l-bniedem jista' jitlob kullimkien u f'kull tip ta' post, iżda għalih hu importanti li jirriserva post, u l-aħjar wieħed għal Alla. L-antenati tagħna investew kulma kellhom biex bħala komunità jkollhom post li fih jistagħġbu mhux tant bil-kapaċità tal-bniedem, iżda bil-kobor ta' Alla. Fil-fatt ritratti tal-antik juruna djar żgħar u f'nofshom jiddominaw il-knejjes għolja. Hekk ukoll il-Bażilika tagħna li bħalissa qed naħdmu tant biex nirrestawrawha, u dan bl-għajnuna tagħkom. Għall-poplu tagħna l-Bażilika ta' San Ġorġ hi post ta' faraġ, ta' stagħġib, ta' komunikazzjoni ma' Alla. Jalla s-sbuħija tad-dar ta' Alla twassalna nixxennqu għalih.

**Il-bażilika**

Filwaqt li qed ninawguraw ir-restawr fuq din il-meravilja arkitettonika u ta' arti tal-koppla, ix-xewqa hi li nkomplu npoġġu d-dar ta' Alla fil-qalba ta' beltna, fil-qalba ta' ħajjitna, filwaqt li mbagħad nieħdu lil Alla fid-djar tagħna, fil-familji, fuq ix-xogħol, fis-soċjetà. Minna jiddependi jekk il-Bażilika tagħna tibqax post tal-laqgħa mal-kobor ta' Alla jew issirx biss mużew. Minna jiddependi li ma nħallux allat oħra jieħdu post 'l Alla l-veru. Minna jiddependi jekk nibqgħux nafdaw f'Alla jew inkella f'elf ħaġa oħra, li ftit riħ u ttir miegħu.

Jalla l-koppla meraviljuża tgħinna nibqgħu nħarsu 'l fuq lejn Alla li minnu tiġi kull grazzja. Jalla meta nilmħu l-kobor ta' Alla nibdew narawh ukoll moħbi fil-qlub ta' ħutna. Jalla dak kollu li nagħmlu jibda minnu u fih jintemm.



## ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI
### SETTEMBRU – DIĊEMBRU 2019

**1** F'Settembru 2019, twaħħal mal-ħajt tal-ġenb tal-faċċata tal-Bażilika li jagħti għal fuq Triq Karità apparat li jissejjaħ *defibrillator* jew AED li jintuża f'każi ta' emerġenza bħal attakk tal-qalb. Din l-istallazzjoni saret bl-inizjattiva tal-Malta Cadets Corps f'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex.

**2** Fil-quddiesa tas-7.00pm tal-Ħadd 22 ta' Settembru, l-Arċipriet fakkar li l-Isqof ħeġġeġ biex fis-Sena Pastorali l-ġdida jsir talb għall-vokazzjonijiet. Waqt li rringrazzjajna lis-seminarista Anthony Joe Borg fi tmiem is-sena ta' esperjenza tiegħu fil-komunità parrokkjali tagħna, ilqajna fostna lis-seminarista Andrew Grima mill-Parroċċa ta' San Lawrenz. Sar ukoll talb għall-propedewtiku l-ġdid Wallace Camilleri u għas-seminaristi tagħna.

**3** Fl-okkażjoni tas-Sena ta' talb għall-vokazzjonijiet fid-Djoċesi, l-Arċipriet nieda inizjattiva ġdida li kull nhar ta' Ħamis isir talb b'dan il-għan quddiem Ġesù Ewkaristija espost tul il-jum kollu fil-Kappella tas-Sagrament. In-nies ġiet imħeġġa titqassam biex fl-ebda ħin Ġesù ma jitħalla waħdu. Anki l-istudenti tal-Griżma qed jiġu esposti għall-prattika tal-Adorazzjoni Ewkaristika billi minn żmien għal żmien il-katekisti jagħlqu l-laqgħa tagħhom b'mument quddiem is-Santissmu Sagrament.

**4** Fil-21 ta' Ottubru bdiet esperjenza ġdida ta' katekeżi fil-Parroċċa msejħa "10K", dwar l-Għaxar Kmandamenti. Il-laqgħat, miftuħa għal kulħadd, bdew jinżammu kull nhar ta' Tnejn fis-7.15pm f'waħda mis-swali tad-Dar Parrokkjali u jitmexxew minn Dun Noel Debono.

**5** L-ewwel jiem ta' Novembru kienu kkaratterizzati mill-attività ta' *bake sale* imsemmija *All Saints* u li fiha sar bejgħ ta' ħelu u kotba marbuta mal-Festa tal-Qaddisin Kollha u t-Tifkira tal-Mejtin Kollha, bil-qligħ imur kollu b'risq il-proġetti parrokkjali.

**6** Fost id-diversi ħarġiet organizzati mill-Parroċċa għall-anzjani, fil-5 ta' Novembru saret żjara liċ-Ċimiterju ta' Wied Għammieq fir-Rabat ta' Malta, wara li ġiet iċċelebrata quddiesa.

**7** Għal San Martin, l-Arċipriet qassam borża ħelu u ikel tradizzjonali lil kull tifel u tifla li attendew għall-Quddiesa tal-Familja l-Ħadd 11 ta' Novembru, fejn wara ġie milqugħ b'kejk fis-sagristija fl-okkażjoni ta' għeluq sninu.

**8** L-istudenti tal-Griżma tal-Isqof, bħala parti mil-laqgħat tagħhom kull nhar ta' Ħamis, fl-14 ta' Novembru għamlu żjara lill-komunità tas-Seminarju Maġġuri, bl-għan li jiksbu aktar għarfien dwar il-ħajja tas-seminaristi u s-sejħa tagħhom.

**9** Il-Komunità Anawim organizzat fil-Bażilika adorazzjoni b'talb għat-tarbija fil-ġuf u bħala parti mill-Kampanja ta' Adozzjoni Spiritwali, il-Ħamis 21 ta' Novembru, li fiha ħadu sehem it-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof.

**10** Wara xhur sħaħ ta' ħidma ta' rilokazzjoni u ristrutturar, l-istudjows il-ġodda tar-Radju komunitarju Leħen il-Belt Victoria bdew joperaw mill-ewwel sular tad-Dar Parrokkjali, fejn ġew stallati apparat ġdid u sistema aktar moderna, grazzi għall-ħidma volontarja tas-Sur Paul Portelli min-Nadur. L-ewwel programmi diretti xxandru bi prova fil-jiem tan-Novena tal-Milied bi preżentazzjoni tal-membri adolexxenti tal-Grupp 23four, waqt li t-tberik tal-istudjows sar mill-Arċipriet fit-22 ta' Diċembru.

**11** Fl-istess jiem tan-Novena tal-Milied għal kulħadd, l-Arċipriet mexxa mumenti ta' talb filgħodu kmieni bħala 'Novena' għall-adolexxenti l-kbar u ż-żgħażagħ tal-Parroċċa, li kienu jintemmu b'kolazzjon flimkien qabel imbagħad imorru għall-iskola.



1


2


3


4


5


6


9


7


10


8


11

# Pellegrinaġġ Parrokkjali fl-Art Imqaddsa fuq il-passi ta' Ġesù u ta' San Ġorġ

## Mit-22 sat-30 ta' Awwissu 2019



Minn dejjem kelli x-xewqa li nżur l-Art Imqaddsa. Tgħid darba f'ħajtek tmur iżżurha! Imma tmur bħala pellegrin jew turist? Qatt ma fhimt id-differenza. Forsi għax qatt ma esperjenzajt il-ħajja ta' pellegrin? Ġiet l-opportunità u ħadtha. U ħadtha wkoll għax konna se nżuru Lidda, il-Qabar ta' San Ġorġ, li kull Ġorġjan għandu jżur tal-inqas darba f'ħajtu.

Kien Awwissu, u kif mistenni l-postijiet fl-Art Imqaddsa kienu maħkuma minn sħana kbira. Bdejna bl-ewwel żjara – żjara fuq l-Għolja tal-Karmelu, fil-katina ta' għoljiet li jiffurmaw il-Karmelu li tkopri 39km sa fuq il-port ta' Haifa fuq il-Mediterran. Billi konna wasalna kemxejn tard, tlifna l-ħin li kellna biex niċċelebraw il-quddiesa, iżda xorta tlabna lill-Madonna bil-kant tas-Salve Regina u għanja oħra bil-Malti, *Ismagħha l-għanja.*

Ovvjament il-mixja trid tibda mill-bidu. U hekk ġara. Bdejna proprjament mill-belt ta' Nazaret fejn qattajna jumejn. L-ewwel impressjoni ma tilqgħekx… "Tista' toħroġ xi ħaġa tajba minn Nazaret?" (Ġw 1:46). Imma aħna ma morniex hemm biex naraw il-madwar. L-ewwel ġurnata bdejna b'quddiesa fil-Bażilika tat-Tħabbira, proprju fil-knisja inferjuri. Bażilika moderna, ma hemmx dekorazzjonijiet bħal kif aħna mdorrijin. Kollox konkrit. Imma l-ġabra tħossha. Mill-ewwel tilmaħ binja f'nofs il-knisja li t-tradizzjoni tgħid li hija d-dar ta' Marija, fejn proprju l-anġlu Gabrijel disa' xhur qabel it-twelid tal-Messija ta l-aħbar lil Marija li kienet se ssir Omm Alla. Forsi wieħed xettiku jistaqsi: veru jew le? Xi ħaġa hemm, għax tħoss il-ġabra, sensazzjoni li qatt ma tkun ħassejt qabel, barra s-sinifikat storiku tal-post li ġie mibni matul is-sekli. U tgħid, xi ħaġa ġara hawn: *Verbum caro hic factum est*! Żorna wkoll il-knisja superjuri li hija l-parroċċa ta' Nazaret u fiha diversi opri ta' arti li jirriflettu t-teoloġija tal-Knisja fis-sens ta' wara l-Konċilju Vatikan II. Mal-ħitan tal-knisja u fil-kjostru ta' barra hemm diversi xbihat tal-Verġni Marija magħmula mill-mużajk, ġejjin mis-santwarji prinċipali Marjani tad-dinja kollha, fosthom mis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kif ukoll mis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu.

Komplejna bil-mixja tagħna, u rħejnielha lejn id-dar ta' San Ġużepp – illum hemm is-Santwarju tan-Nutrizzjoni li t-tradizzjoni Nisranija tgħid li kienet id-dar li fiha għexet il-Familja Mqaddsa wara li ġiet lura Nazaret mill-Eġittu. Is-santwarju huwa mibni fuq fdalijiet tal-ewwel seklu li fosthom insibu battisteru Lhudi-Kristjan, li hu xhieda tal-preżenza ta' komunità Nisranija f'Nazaret li, sa mill-ewwel seklu, ħadet ħsieb tħares it-tifkiriet għeżież marbutin mal-Misteru tal-Inkarnazzjoni.

Waranofsinhar tlaqna lejn l-għolja tat-Tabor. Xħin tasal, wara madwar għoxrin minuta kowċ, mill-ewwel tiġik f'moħħok il-frażi li qal San Pietru lil Ġesù: "Mulej, kemm hu sew li aħna hawn! Jekk trid, intella' hawn tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija" (Mt 17:1-9). Dan għaliex il-paċi li tħoss hi indeskrivibbli. U bħal San Pietru ma tantx kellna aptit nitilqu minn hemm.

It-tieni ġurnata bdiet b'quddiesa f'Kafarnahum, proprju fil-Memorjal ta' San Pietru li huwa mibni fuq fdalijiet li skont it-tradizzjoni huma d-dar tal-Prinċep tal-Appostli. Ftit 'il bogħod hemm ukoll is-sinagoga li fiha l-Mulej fejjaq l-imxajtan u lill-magħtub. Ovvjament, din il-mixja tagħna kienet tinkludi spjega tal-Vanġelu f'kuntest storiku. Kellna magħna lil Patri Marcello Ghirlando OFM li għaddielna bl-iktar mod ċar u sempliċi l-istorja wara kull ġebla. U dik għenitna nifhmu l-kuntest storiku fi żmien il-miġja ta' Kristu fostna. Imma l-mixja tagħna riedet tkompli.

Komplejna biż-żjarat tagħna fil-Knisja tal-Beatitudnijiet, tat-Tkattir tal-Ħobż u tal-Primat ta' San Pietru f'Tabgha. Iż-żewġ santwarji tal-aħħar huma marbuta mat-tifkira tal-ikla li Kristu u l-Appostli għamlu flimkien fuq xatt l-Għadira, u fil-fatt hemm blata li tissejjaħ *Mensa Christi* – il-Medja ta' Kristu.

Iż-żjara f'Nazaret kienet spiċċat u l-mixja tagħna ħaditna lejn il-Baħar tal-Galilija fejn qsamna b'dgħajsa mibnija fl-istil tal-epoka. Xtaqna forsi nitfgħu x-xbiek kif kienu jagħmlu l-Appostli, imma ma nafx kemm konna naqbdu ħut! L-aħjar li nistgħu nagħmlu hu li nimxu wara Ġesù kif kien qal hu stess lid-dixxipli tiegħu proprju fuq din l-għadira.

Minn hawn bdejna l-mixja tagħna lejn Betlehem, il-Belt tan-Nativitià. Matul it-triq waqafna għal-lejl f'Ġeriko. Qabel dħalna f'din il-belt waqafna għal ftit ħin nammiraw il-Monasteru tat-Tentazzjonijiet – monasteru li huwa mibni ġo sisien għolja. Wieħed għandu jiftakar li l-arkeoloġija tgħidilna li Ġeriko kienet l-aktar belt antika mdawra bi swar. Fil-fatt, l-ewwel raħal li nbena maġenb in-nixxiegħa li sal-lum għadha tagħti ħajja lil dan l-oasi jmur lura tmint elef sena qabel Kristu. Fil-mixja li konna qed nagħmlu wieħed jibda jaħseb min jaf kemm-il darba għadda Ġesù minn dawn l-inħawi. Fil-fatt, il-pellegrini Lhud li mill-Galilija kienu jitilgħu Ġerusalemm kienu jippreferu jevitaw is-Samarija u jgħaddu mill-wied tal-Ġordan u minn Ġeriko, qabel jaffrontaw it-telgħa lejn Ġerusalemm, li taqsam id-deżert ta' Ġuda. F'Ġeriko, Ġesù ltaqa' ma' Żakkew il-pubblikan u fejjaq lill-agħma Bartilmew bin Timew.

Il-mixja tagħna kompliet l-għada filgħodu meta żorna x-xmara Ġordan. Ġeddidna l-wegħdiet tal-Magħmudija fix-xmara u 'tgħammidna' bl-ilma, kemxejn kannella, imma huwa l-ilma tal-ħajja Nisranija. Matul il-vjaġġ tagħna lejn Betlehem waqafna wkoll il-Baħar il-Mejjet fejn xi pellegrini niżlu jgħumu. Waqafna wkoll fl-inħawi magħrufa bħala l-Għerien ta' Qumran li jinsabu fid-Deżert ta' Ġuda fejn kienu nstabu manuskritti u testi bibliċi. Minkejja s-sħana kbira u x-xemx tikwi fuqna, kienet żjara interessanti ħafna. Wara, iċċelebrajna l-quddiesa fil-Knisja ta' San Lazzru f'Betanja. Il-mużajċi tal-ħitan tal-knisja li kienet inbniet

mill-arkitett Antonio Barluzzi juru episodji tal-preżenza ta' Ġesù f'Betanja: Ġesù fid-dar ta' Marta u Marija (Lq 10:38-42), Ġesù jiddikjara li hu l-qawmien u l-ħajja (Ġw 11:25-27), Ġesù li jqajjem lil Lazzru mill-mewt (Ġw 11:38-44), Ġesù midluk f'Betanja waqt l-ikla għand Xmun il-lebbruż ma' ħbiebu Marta, Marija u Lazzru (Mk 14:3-9; Ġw 12:1-11).

Wara vjaġġ kemxejn twil, wasalna f'Betlehem, il-Belt tal-Paċi. Iżda b'xorti ħażina l-firda li hemm bejn il-Palestinjani u l-Iżraeliti tinħass. Betlehem hija art okkupata mill-Palestinjani u biex tidħol fiha bilfors trid tgħaddi minn *check points* li huma kkontrollati mill-Iżraeliti. Nistgħu ngħidu li qatt ma kellna problemi biex nidħlu jew noħorġu. Darba waħda, ma nafx eżatt meta kien, domna madwar siegħa u nofs imwaħħlin fit-traffiku u ma stajniex nidħlu f'Betlehem għax ic-*check point* kienet ingħalqet. Tinnota wkoll il-ħajt tal-konkrit li jifred Betlehem mill-bqija ta' Iżrael. Hija ħasra kbira li aktar minn elfejn sena wara l-art li suppost tħabbar il-paċi hija f'dan l-istat.

Mal-ewwel ħarsa lejn il-belt ta' Betlehem, tista' tgħid li hija l-Belt ta' Ġorġi wkoll! Iva, il-Belt ta' San Ġorġ Martri. Dan għaliex ma' kull dar Nisranija, bla eċċezzjoni, tilmaħ il-figura ta' San Ġorġ imnaqqxa f'post prominenti mal-faċċata li tissimbolizza l-identità Nisranija. Konna noqogħdu f'Casa Nova tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, li hija eżatt maġenb il-Bażilika tan-Nativitá, u għalhekk doqna ftit mil-lejl sajfi b'mixja qasira madwar il-Bażilika.

Il-ġurnata ta' wara bdiet kemxejn kmieni aktar mis-soltu. Dan għaliex kellna l-opportunità li nieħdu sehem fil-quddiesa tat-tifkira tal-Milied fil-Grotta tat-Twelid li tinsab sewwasew taħt il-Bażilika tan-Nativitá. L-esperjenza? Esperjenza unika u dejjiema li se tibqa' minquxa fil-memorja tiegħi u ta' kull min kien hemm. Żortha darbtejn oħra, jekk mhux tlieta. Tibqa' tiftakar, filwaqt li tlissen talba qasira, fit-toqba mdawra b'raġġi tal-fidda li tinsab taħt l-altar dejjem imdawla bil-lampieri mixgħula biż-żejt: hemm seħħ kollox!

Fiż-żjara tagħna f'Betlehem, żorna l-Knisja b'tifkira tat-Tħabbira tal-Anġli lir-Ragħajja. Ħaġa li laqtitni kienet l-istil arkitettoniku tal-knejjes f'dawn il-postijiet qaddisa. Kollha mibnija b'arkitettura marbuta mal-post. Din il-knisja hija għamla ta' għarix tar-ragħajja, li fiha pitturi li jfakkru l-aħbar it-tajba mxandra mill-anġli lir-ragħajja fil-lejl tal-Milied, bil-koppla mtaqqba li tagħti l-impressjoni tal-istilel u l-kwiekeb fis-sema. Kemm kienet sabiħa l-atmosfera meta l-grupp ta' pellegrini kantajna l-għanja popolari *Ninni la tibkix iżjed*!

Żorna wkoll Għajn Karem – il-Knisja ddedikata lil San Ġwann Battista. Il-qofol ta' dan is-santwarju jinsab fl-għar li hemm fuq ix-xellug tal-presbiterju, li jfakkar id-dar li fiha twieled San Ġwann Battista. Qabel dħalna f'dan is-santwarju tlabna flimkien il-Kantiku Evanġeliku ta' Żakkarija, il-*Benedictus*. F'Għajn Karem stess żorna s-santwarju li jfakkar iż-żjara ta' Marija lil Eliżabetta, u hu marbut mal-Kantiku Evanġeliku ta' Marija, il-*Magnificat*. Is-santwarju huwa mżejjen b'affreski storiċi b'suġġetti Marjani.

Qabel erġajna dħalna Betlehem żorna villaġġ Palestinjan żgħir li fih hemm il-knisja Ortodossa ddedikata lil Al-Khader – San Ġorġ. F'din il-knisja kellna ċ-ċans li nitolbu lil San Ġorġ permezz tal-Kurunella f'ġieħ San Ġorġ Martri kif ukoll bl-innu popolari reliġjuż *Georgius natus est*.

Il-mixja tagħna kompliet u l-pellegrinaġġ laħaq il-qofol tiegħu fil-belt ta' Ġerusalemm, il-Belt il-Qaddisa. Bdejna l-mixja tagħna lejha minn fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, proprju mill-Knisja tal-Axxensjoni – il-post li minnu Ġesù tela' s-sema, skont it-tradizzjoni, li huwa fuq il-quċċata tal-Għolja taż-Żebbuġ. Ta' min jgħid li dan huwa post imħares mill-Musulmani, imma l-Knejjes Insara għandhom id-dritt li jiċċelebraw f'dan il-post is-Solennità tat-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej, meta t-tliet komunitajiet tal-Latini, il-Griegi Ortodossi u l-Armeni Ortodossi jitilgħu fuq l-Għolja taż-Żebbuġ biex hawnhekk jiċċelebraw b'mod solenni l-liturġiji rispettivi tagħhom.

Minn hawnhekk tlaqna lejn il-fdalijiet tal-Bażilika tal-Pater Noter li hi mibnija fuq għar li jfakkar ukoll it-tagħlim tat-talba tal-Missierna, mgħoddija minn Ġesù lill-Appostli. Fil-kjostru tal-Bażilika wieħed isib b'diversi lingwi t-talba tal-Missierna, inkluż il-Malti. Ovvjament, ma hemmx bżonn wieħed jirrepeti li fil-postijiet kollha Patri Ghirlando ta spjega dettaljata u sempliċi dwar is-sinifikat tal-post kif ukoll it-tagħlim tal-Vanġelu marbuta miegħu.

Erħejnielha bil-mixi 'l isfel mill-Għolja taż-Żebbuġ, u f'nofs l-għolja hemm pjanura li tħares lejn il-belt ta' Ġerusalemm. Hawnhekk, niftakar f'Salm 121: "Fraħt meta qaluli: 'Sejrin f'dar il-Mulej'. Diġà qegħdin riġlejna fi bwiebek, Ġerusalemm! Ġerusalemm, mibnija bħal belt, magħquda ħaġa waħda. Lejha t-tribujiet jitilgħu, it-tribujiet tal-Mulej". Kemm huwa veritier dan is-salm, għax meta tkun għaddej fil-belt ta' Ġerusalemm tara li r-reliġjonijiet il-kbar għandhom preżenza ħajja fil-Belt il-Qaddisa.

Tkompli nieżel l-Għolja taż-Żebbuġ u ssib ruħek fil-Ġetsemani, li qiegħed fuq ir-riħ tal-Wied ta' Kedron.







Fil-ġnien tal-Ġetsemani, li huwa taħt il-kustodja tal-Franġiskani, hemm siġar taż-żebbuġ antiki li jfakkruna fis-siġar taż-żebbuġ tal-ġnien li fih Ġesù kellu l-agunija qabel il-Passjoni. Fil-ġnien hemm Bażilika mibnija mill-arkitett Barluzzi, li bħall-bażiliċi u s-santwarji l-oħrajn minbija minnu, iddaħħlek aktar fl-ispirtu tal-post. Fil-fatt, il-knisja mimlija mużajċi li juru l-agunija ta' Ġesù u anki l-i*stained glass* huwa kollu ta' lewn vjola. Fin-nofs tal-knisja tiddomina l-blata tal-agunija f'ambjent li jistieden għat-talb u l-ħemda. Kellna wkoll ix-xorti li aktar tard f'dik il-ġurnata nerġgħu mmorru f'din il-Bażilika għal siegħa talb – l-Ora Santa – flimkien ma' pellegrini oħra li dakinhar kienu mill-Amerika. Kien mument sabiħ, ta' ġabra u riflessjoni li żgur gawdejna minnhom spiritwalment. L-Ora Santa bil-Malti kienet immexxija minn Patri Ghirlando akkumpanjat bid-daqq tal-orgni mill-Arċipriet Joseph Curmi.

Wara ż-żjara tagħna fil-Bażilika tal-Agunija, komplejna mexjin 'l isfel, lejn il-Wied ta' Kedron, u żorna s-Santwarju Marjan tal-Qabar tal-Verġni Marija. Proprju fil-qiegħ tal-Wied ta' Kedron hemm il-kripta li fiha jinsab il-qabar li fih tqiegħdet il-Verġni Marija u minn fejn ġiet imtellgħa fis-Sema. Kumbinazzjoni dakinhar – 27 ta' Awwissu – ħabat lejlet il-Festa ta' Marija Assunta għall-Knisja tal-Ortodossi, u billi din il-knisja hija taħt il-kustodja tal-Griegi Ortodossi u l-Armeni Ortodossi, dakinhar il-kripta kienet maħnuqa bin-nies. Iżda minkejja l-folol kbar ta' nies, għadd minna dħalna u rnexxielna nitolbu fuq il-qabar ta' Verġni Marija Mtellgħa s-Sema. Ovvjament f'dan il-post qaddis wieħed ma setax ikanta għanja ta' ferħ lill-Madonna, iżda dan sar aktar tard.

Waranofsinhar żorna l-hekk imsejħa *Mater omnium ecclesiarum* – Omm il-knejjes kollha – li huwa ċ-Ċenaklu, fejn Ġesù għamel l-Aħħar Ċena nhar Ħamis ix-Xirka, fejn deher lill-Appostli nhar Ħadd tal-Għid filgħaxija u lil Tumas tmint ijiet wara, u fejn niżel l-Ispirtu s-Santu fuq Marija u l-Appostli miġburin nhar Pentekoste. Għaldaqstant iċ-Ċenaklu nistgħu nsejħulu l-ewwel knisja u l-omm tal-knejjes kollha tad-dinja. Wara storja twila fuq medda ta' mijiet ta' snin, iċ-Ċenaklu għadda kollu kemm hu f'idejn il-Lhud fejn sal-lum iqimu l-qabar ta' David fis-sular ta' isfel, li hu sinagoga. Is-sular ta' fuq – fejn proprju saret l-Aħħar Ċena nhar Ħamis ix-Xirka – hu mħolli għall-pellegrini Insara, iżda ma jistgħux isiru ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Dan l-aħħar kien ingħata permess lill-Papa San Ġwanni Pawlu II biex jiċċelebra l-quddiesa fuq iċ-Ċenaklu waqt il-pellegrinaġġ tiegħu fl-Art Imqaddsa fis-sena 2000. Minħabba dawn il-fatturi storiċi, ma stajniex niċċelebraw il-quddiesa f'dan il-post qaddis, iżda ċċelebrajna l-quddiesa b'tifkira tal-Aħħar Ċena fil-Kappella ta' San Francesco al Cenacolo, li hija proprjetà tal-Franġiskani u tinsab ftit 'il bogħod miċ-Ċenaklu.

Ftit passi 'l bogħod miċ-Ċenaklu tinsab l-Abbazija tad-Dormizzjoni tal-Verġni Marija, li tiddomina l-Għolja ta' Sijon. Il-knisja momumentali nbniet fuq il-fdalijiet ta' Hagia Sion. Fil-kripta hemm statwa tal-Verġni Marija mimduda fir-raqda tagħha, biex tfakkar it-tradizzjoni apokrifa li tqiegħed id-dar li fiha Marija temmet jiemha fuq l-art fuq l-Għolja ta' Sijon f'Ġerusalemm. Hawnhekk tajna qima lill-Madonna bil-kant tal-Innu popolari lil Marija Assunta.

L-għada filgħodu kien għadu mank sebaħ li ma kellniex inqumu sabiex nibdew biż-żjara tagħna fis-Santu Sepulkru, jew aħjar, il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, li huwa l-aktar post qaddis fid-dinja għalina l-Insara, għax proprju f'dan l-imkien seħħet l-akbar ġrajja tal-misteru tas-salvazzjoni tagħna, fil-passjoni, il-mewt u l-qawmien tal-Mulej Ġesù.

Il-Bażilika mhijiex post li strutturalment jaffaxxinak, imma pjuttost tidher geġwiġija ta' bini ġo xulxin. Minkejja dan, xorta l-post jiġbdek, speċjalment iċ-ċentru ta' din il-Bażilika – l-Edikola – jew aħjar, il-Qabar ta' Kristu. Il-bini tal-Bażilika huwa xhieda ħajja ta' evoluzzjoni u ġrajjiet li seħħew fuq medda ta' mijiet ta' sekli minn popli differenti, reliġjonijiet u kulturi differenti. Fil-fatt, ħaġa interessanti li




*jissokta f' paġna 11...*

# Ilkoll qalb waħda f'Qalbu

## L-inawgurazzjoni uffiċjali tal-ministeru tal-Kan. Simon Mario Cachia bħala l-ħdax-il Kappillan tal-Fontana

Carm C. Cachia



Kull sena, tul l-aħħar ġimgħa tax-xahar ta' Novembru, il-komunità parrokkjali li tgħammar madwar l-Għajn il-Kbira, jew kif insibuha llum "il-Fontana", tiċċelebra b'solennità speċjali lil Sant'Andrija Appostlu. Sant'Andrija huwa meqjus bħala Patrun tal-Parroċċa, kemm minħabba l-patroċinju tiegħu fuq is-sajjieda u kemm minħabba d-devozzjoni qawwija li l-Fontanin dejjem kellhom lejh.

F'Novembru li għadda din il-festa ħadet xejra iktar speċjali għaliex f'jum il-festa liturġika l-Parroċċa ċċelebrat l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-parrokat tal-kappillan il-ġdid, il-Kanonku Simon Mario Cachia. Dun Simon ġie nnominat minn Mons. Isqof bħala l-Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù fit-23 ta' Lulju 2019. Hu ġie nnominat ukoll Kanonku onorarju tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ Martri fil-Belt Victoria.

Il-ġimgħa ta' ċelebrazzjonijiet bdiet bil-ħruġ minniċċa tal-vara titulari tal-Qalb ta' Ġesù u tal-vara ta' Sant'Andrija. Kienet ċelebrazzjoni li għaqqdet lill-komunità għax qatt ma kien hemm okkażjoni fejn dawn il-vari għeżież kienu armati t-tnejn flimkien fis-Santwarju parrokkjali. Għal din l-okkażjoni l-Parroċċa ta' San Ġorġ sellfet bradella u pedestall apposta.

It-Tnejn, il-Parroċċa tal-Fontana ftakret fil-mejtin tagħha b'pellegrinaġġ lejn iċ-ċimiterju tar-Rabat. Fl-aħħar tal-quddiesa l-Kappillan qiegħed bukketti fuq l-oqbra tal-ewwel Kappillan, Dun Ġużepp Hili, li wkoll kien mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, u fuq dak tas-saċerdoti tal-parroċċa kif ukoll quddiem l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù li tkennen il-fdalijiet tal-membri mejtin tal-komunità.

Mit-Tlieta sal-Ħamis ġie ċċelebrat it-Tridu mqaddes f'ġieħ Sant'Andrija. Il-predikatur kien il-Kan. Joe Cardona. F'dawn il-jiem ukoll il-Kappillan dar l-anzjani u l-morda bir-relikwarju ta' Sant'Andrija filwaqt li l-Parroċċa għamlet ġest ta' karità mas-Sorijiet Klarissi. Il-Ġimgħa, imbagħad, ġew iċċelebrati Tranżlazzjoni solenni tar-Relikwa, Quddiesa tal-Vġili kif ukoll velja ta' talb bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tal-Pussess li kienet ser ssir 'l għada.

Is-Sibt 30 ta' Novembru, Jum Sant'Andrija u Jum il-Pussess, il-Banda Ċittadina La Stella għamlet marċ mill-bidu ta' Triq il-Għajn sas-Santwarju waqt li sar ukoll xi logħob tan-nar. Il-Kappillan il-ġdid, liebes l-abiti korali, ġie milqugħ fuq iz-zuntier mill-Isqof u min-nies għad-daqq tal-innijiet popolari ta' Sant'Andrija, ta' San Ġorġ u tal-Qalb ta' Ġesù. Bi ftehim ma' Mons. Isqof, il-Kappillan kien iddeċieda li ma jimxix f'korteo wara l-banda imma li jasal direttament fuq iz-zuntier bil-karrozza. Kien ġie deċiż ukoll li ma jsirux diskorsi tal-okkażjoni. Għall-quddiesa kien hemm preżenti numru sabiħ ta' saċerdoti. Kien hemm ukoll il-mistiedna distinti u delegazzjoni tal-Kavallieri tas-Santu Sepulkru mmexxija mil-Logutenent Roberto Buontempo. Fattur sabiħ ieħor kien li s-Santwarju kien maħnuq b'nies mill-Fontana. Mons. Isqof Mario Grech, Amministratur Appostoliku għal Għawdex, mexxa l-Pontifikal solenni bir-Rit tal-Pussess filwaqt li l-Chorus Urbanus esegwixxa l-Quddiesa *Fons Vitæ*. Il-kor u l-orkestra kienu taħt it-tmexxija ta' Dr John Galea, *Maestro di Cappella* tas-Santwarju. Fi tmiem il-Pontifikal, saret ċerimonja qasira imma speċjali u unika għaliex kemm l-Isqof u kemm il-Kappillan il-ġdid marru quddiem il-vara tal-Qalb ta' Ġesù u fdaw il-missjoni ġdida tagħhom it-tnejn lil din il-Qalb Ħanina.

Il-Ħadd 1 ta' Diċembru, imbagħad, il-Fontana ċċelebrat lill-Patrun Sant'Andrija b'quddiesa solenni mmexxija mill-Kappillan u b'purċissjoni bis-sehem tal-Banda Prekursur tax-Xewkija.

Din il-festa speċjali kellha l-iskop li l-membri kollha tal-Parroċċa jerġgħu jiskopru l-ġmiel tar-rabta tagħhom ma' Qalb Kristu u ma' xulxin. Għalhekk il-motto "ilkoll qalb waħda f'Qalbu".





# Żewġ Kanonċi ġodda għall-Kolleġġjata tagħna

Fis-16 ta' Diċembru 2019, l-E.T. Mons. Mario Grech, Amministratur Appostoliku għal Għawdex, iffirma d-Digriet li bih ħatar żewġ Kanonċi Effettivi ġodda għall-Kapitlu tal-Kolleġġjata Ġorġjana: **Dun Geoffrey George Attard** u **Dun Richard-Nazzareno Farrugia**.

L-għan tal-Kapitlu u l-membri tiegħu hu li jiċċelebraw bid-dinjità li jixirqilha l-Liturġija tas-Sigħat kif ukoll juffiċjaw talb ieħor liturġiku fil-komunità parrokkjali tagħna, għall-glorja ta' Alla u għas-salvazzjoni tal-erwieħ. Meta l-Isqof Cauchi kien waqqaf il-Kolleġġjata kważi ħamsa u erbgħin sena ilu, fid-Digriet *Etsi Deus* hu kien fakkar li "l-Knisja Mqaddsa ta' Kristu dejjem żammet id-drawwa qaddisa li mhux biss jinbnew




Dun Geoffrey George Attard twieled nhar il-Ħamis 24 ta' Awwissu 1978, fl-Isptar Santa Katerina, Ħ'Attard. Ordna saċerdot nhar il-25 ta' Ġunju 2004 fil-Katidral ta' Għawdex u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni nhar il-Ħadd 11 ta' Lulju 2004 fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Wara l-Ordinazzjoni, mis-sena 2004 sas-sena 2008, għamel esperjenza pastorali f'Dalkeith (Djoċesi ta' Edinburgh u St Andews) u Dundee (Djoċesi ta' Dunkeld) fl-Iskozja. Kiseb M.Th. fl-Istorja Ekkleżjastika minn New College fl-Università ta' Edinburgh u M.Lit. mill-Università ta' St Andrews, it-tnejn fl-Iskozja. Sa minn Settembru 2008 huwa Vigarju Koperatur fil-Parroċċa ta' Santa Marija Assunta fiż-Żebbuġ, u għalliem tar-Reliġjon u l-Istorja fis-Seminarju Minuri ta' Għawdex.

Dun Richard-Nazzareno Farrugia, mix-Xagħra, twieled nhar l-14 ta' Lulju 1984. Għamel l-istudji tiegħu fl-Iskola Primarja St Francis' School, fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù, u fl-Iskola Postsekondarja Sir M.A. Refalo. Fl-2002 beda l-mixja ta' formazzjoni fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù, u fit-13 ta' Ġunju 2009 ġie ordnat saċerdot minn Mons. Isqof Mario Grech. Hu kompla l-istudji tiegħu fl-Accademia Alfonsiana f'Ruma minn fejn kiseb il-Liċenzja u d-Dottorat fit-Teoloġija Morali. Segwa wkoll il-*Corso di perfezionamento in Bioetica* fl-Istitut tal-Bijoetika fis-sede Rumana tal-Università Cattolica del Sacro Cuore. Bejn l-2009 u l-2013 kien kollaboratur parrokkjali fil-Parroċċa ta' Sant'Injazju ta' Antjokja f'Ruma. Lura Għawdex f'Ottubru 2013 hu nħatar minn Mons. Isqof bħala segretarju tiegħu, Ċerimonier Djoċesan u Prefett tal-Istudji fis-Seminarju Maġġuri. F'Jannar 2016 ġie maħtur Viċi-Rettur tal-istess Seminarju u fid-29 ta' Ġunju tal-istess sena Rettur. Hu wkoll lettur fit-Teoloġija Morali fis-Seminarju Maġġuri u membru tal-Kummissjoni Dottrinali fi ħdan il-Konferenza Episkopali Maltija. Fil-Parroċċa ta' San Ġorġ ilu saċerdot kollaboratur sa minn Novembru 2016.





**MARIUS GRECH**

DEI ET APOSTOLICÆ SEDIS GRATIA
EPISCOPUS GAUDISIENSIS

**DIGRIET TAL-ĦATRA TA' KANONIĊI EFFETTIVI
FIL-KOLLEĠĠJATA TA' SAN ĠORĠ MARTRI, IR-RABAT GĦAWDEX**

Lil ħutna fi Kristu Dun Geoffrey George Attard u Dun Richard-Nazzareno Farrugia.

Aktar ma jinqalbu s-snin aktar nintebaħ kemm is-soċjetà tagħna għandha bżonn tar-ruħ. Għall-grazzja ta' Alla llum inħolqu għadd ta' istituzzjonijiet u gruppi bl-għan li jġibu 'l quddiem id-drittijiet ċivili u joktor il-ġid materjali. Iżda d-dimensjoni traxxendentali tal-bniedem bħal donnha ntesiet u meta jgħib il-pedament (Alla) xejn ma jibqa sod u jikber ir-riskju li jiġġarrfu t-torrijiet li nkunu bnejna. Għaldaqstant qed isir dejjem urġenti li l-Knisja tgħin lill-bniedem jerġa jiskopri ċ-ċentralità ta' Alla f'ħajtu.

F'dan il-kwadru nixtieq nara iktar saċerdoti jitolbu, kemm waħedhom kif ukoll flimkien, bejniethom u mal-ġemgħa tal-Insara. Inrodd ħajr lill-Mulej li fil-presbiterju djoċesan hawn għadd sabiħ ta' saċerdoti li huma rġiel ta' talb u jedifikaw lill-oħrajn bil-mod kif jitolbu, speċjalment fil-Liturġija. Nixtieq li n-numru ta' dawn joktor.

Il-Kapitli tal-Kolleġġjati tagħna huma espressjoni ta' dan it-talb tas-saċerdoti flimkien. Fl-imgħaddi l-Kapitli kellhom storja mżewwqa, imma llum jiddistingwu ruħhom bħala ċetu ta' saċerdoti li jiltaqgħu apposta biex jitolbu.

Huwa b'dan il-għan li skont il-kan. 509 § 1, wara li smajt il-parir favorevoli tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata San Ġorġ Martri, u wara li żammejt f'kunsiderazzjoni d-disponibilità li dejjem urejtu fit-twettiq tal-ministeri li afdajtilkom;

bil-preżenti naħtar lilkom

ir-**Rev. Geoffrey George Attard M.Th., M.Lit** bħala kanoniku effettiv tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ Martri, ir-Rabat Għawdex;

u r-**Rev. Richard-Nazzareno Farrugia S.Th.D.,** bħala kanoniku effettiv fl-istess Kolleġġjata;

Għalhekk wara li intom tkunu ħadtu l-ġurament li tosservaw l-istatuti, tal-imsemmija Kolleġġjati, imbagħad tieħdu l-pussess tal-kanonikati fuq imsemmija.

Bħala xhieda ta' dan kollu li għidna, ordnajna li dan id-dokument minna iffirmat u ssiġillat bit-timbru tagħna, jiġi magħmul u rreġistrat u ffirmat mill-Kanċellier tal-Kurja tagħna.

Mogħti mill-Kurja, ir-Rabat Għawdex, illum 16 ta' Diċembru 2019.

MARIUS GRECH
EPISCOPUS GAUDISIENSIS

**Mons. Salv Debrincat**
**Kanċellier**

**✠ Mario Grech**
**Amministratur Appostoliku**

tempji l-aktar sbieħ, iżda wkoll li jiġu mgħammra bi gruppi ta' rġiel li jkollhom id-dmir proprju tagħhom li jieħdu ħsieb is-sbuħija taċ-ċerimonji bil-qdusija, bit-talb u bil-ħeġġa".

Il-ġurament ta' kanonċi Dun Geoffrey u Dun Richard għamluh fil-Pontifikal tal-Milied, nhar il-25 ta' Diċembru, quddiem Mons. Isqof, li huwa wkoll id-Dekan tal-Kapitlu, hekk kif wara l-omelija l-Arċipriet Joseph Curmi qara d-Digriet tal-ħatra tagħhom.

Hekk, matul is-sena 2019, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ ingħata tliet membri ġodda, tnejn effettivi, u ieħor onorarju fil-persuna ta' Dun Simon M. Cachia, Kappillan tal-Fontana.

*Nifirħu bil-preżenza iktar assidwa tagħhom fil-Liturġiji ewlenin fil-Bażilika Ġorġjana u nwegħduhom it-talb tagħna, waqt li nkomplu nitolbu għal iktar vokazzjonijiet.*



...jaqbad minn paġna 8

ta' min isemmi hija li tliet komunitajiet huma proprjetarji tal-Bażilika: il-Griegi Ortodossi, il-Latini u l-Armeni Ortodossi. Imma l-imfietaħ tal-Bażilika huma miżmuma minn familji Musulmani, tradizzjoni li ilha għaddejja minn ġenerazzjoni għal oħra għal mijiet ta' snin, li ta' kuljum jiftħu u jagħlqu l-bieb skont protokoll li ma nbidel qatt.

Kien proprju għall-ħabta tal-5.30am xħin dħalna fil-Bażilika ħalli nkunu fil-ħin sabiex fis-6.00pm nieħdu sehem f'quddiesa b'tifkira tal-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu fl-Edikola. Dak il-ħin kienet għadha għaddejja ċ-ċelebrazzjoni tal-Griegi Ortodossi – għax hemm kull komunità għandha l-ħin tagħha. Konna grupp ta' 45, u billi l-Edikola hija żgħira, kulħadd kellu jitrassas xi ftit mhux ħażin. Is-saċerdoti li kienu mal-grupp daħlu fit-tieni kamra fejn hemm l-irħama-mejda fejn tqiegħed il-korp mejjet ta' Ġesù. Hija ġrajja indeskrivibbli fejn lanqas tkun taf x'laqtek, għax dak kollu li temmen fih qiegħed tassew quddiemek, avolja ma tkun qed tara xejn bl-għajnejn tal-ġisem, għax ħlief ġebel u rħam ma tarax. Imma li għandek tara f'dawn il-postijiet trid tarah b'għajnejn spiritwali. Din il-ġrajja kienet sabiħa ferm u mhux lakemm wieħed jinsieha.

Kien imiss li nitilgħu fuq l-Għolja tal-Golgota, li wkoll tagħmel parti mill-Bażilika. Il-Golgota jew il-Kalvarju llum huwa nofsu proprjetà tal-Griegi Ortodossi (l-altar fuq il-blata tal-Golgota, li jfakkar il-mewt ta' Ġesù) u nofs ieħor tal-Franġiskani (l-altar li jfakkar il-post li fih Ġesù ġie msallab). Bla ebda dubju din in-naħa tal-Bażilika hija mimlija dekorazzjonijiet mill-ifjen mużajċi, lampieri, statwi tal-fidda u oħrajn. Imma dak mhux kollox; iċ-ċentru hu dik it-toqba li hemm taħt l-altar fejn it-tradizzjoni tgħid li tpoġġa s-salib imqaddes b'Sidna Ġesù Kristu msallab fuqu.

Fil-Bażilika żorna wkoll il-kripta ta' Sant'Elena, fejn skont tradizzjoni ġie misjub is-salib imqaddes mill-Imperatriċi Awgusta. Mill-qalba tal-Kristjaneżmu morna nżuru postijiet oħra ta' interess f'Ġerusalemm stess, bħall-Ħajt tal-Punent, il-ħajt fejn jitolbu l-Lhud, il-*Via Dolorosa*, u l-Knisja tat-Twelid tal-Verġni Marija.

Dik il-ġurnata waranofsinhar kompliet bi żjara tassew importanti għalina l-Ġorġjani – propjru lill-Qabar ta' San Ġorġ Martri f'Lidda. Din il-knisja hija proprjetà tal-monaċi Griegi Ortodossi. Proprju fil-kripta, imdawrin mas-sarkofagu tal-irħam, tlabna bl-interċessjoni ta' San Ġorġ it-talba tal-Għasar u kantajna l-innu popolari *Georgius natus est*. Għamilna festa sabiħa kif tixraq lill-Patrun tagħna San Ġorġ.

L-aħħar ġurnata tal-pellegrinaġġ qbadna t-triq lejn is-Samarija fejn żorna l-Knisja ta' Għemmaws li tfakkar il-laqgħa li kellu Ġesù wara l-qawmien tiegħu ma' dawk iż-żewġ dixxipli fi triqthom lejn dak ir-raħal. Hawnhekk ħadna sehem fl-aħħar quddiesa tal-pellegrinaġġ tagħna fl-Art Imqaddsa. Fi triqitna lura lejn Ġerusalemm għamilna waqfa f'Nablus fejn żorna l-Bir ta' Ġakobb.

Permezz ta' din il-mixja Alla tana żmien speċjali ta' grazzja, għaliex lilna li morna b'fiduċja kollha fl-Art Imqaddsa, tana li nitqanqlu minn ġewwa ħa niġġeddu fi qlubna. Il-postijiet kollha li żorna huma sinjal tad-dar ta' Alla u mhux il-ġebel li hu magħmul minn idejn il-bniedem. Il-Papa Benedittu XVI qal: "Li tmur pellegrinaġġ mhuwiex sempliċiment li żżur post biex tammira t-teżori tan-natura, l-arti jew l-istorja. Li mmorru pellegrinaġġ verament ifisser li noħorġu barra minna nfusna sabiex niltaqgħu ma' Alla fejn huwa wera lilu nnifsu, fejn il-grazzja tiegħu tiddi bi splendur partikulari u tipproduċi frott għani ta' konverżjoni u qdusija fost dawk li jemmnu".

# Jibda r-restawr tal-Faċċata tal-Bażilika









Wara l-Festa ta' San Ġorġ f'Lulju, kien imiss li jibda x-xogħol fuq it-tieni parti tal-proġetti tar-restawr, dak tal-faċċata u tal-kampnar. Din il-fażi bdiet hekk kif fis-sajf tlesta x-xogħol kollu relatat mar-restawr tal-koppla. Kif diġà rrappurtajna fl-edizzjoni ta' qabel, ir-restawr kien wieħed metikoluż u kien jinvolvi bdil (fejn kien il-ħtieġa), trattament tal-ġebla, żebgħa mill-ġdid tal-kulur aħmar tal-koppla, u xogħol ieħor relatat.

Kien fis-16 ta' Ottubru 2019 li l-i*scaffolding* beda jintrama mal-faċċata tal-Bażilika biex ikun jista' jżomm l-istruttura kollha li damet diversi ġimgħat biex ittellgħet kollha. L-armar kien ikopri sa fuq nett tal-kampnari u jinfirex sal-istatwi fin-niċeċ tal-ġnub, jiġifieri dawk tal-Kunċizzjoni u ta' San Ġużepp. Hekk kif l-istruttura kienet iċċertifikata tajba biex tintuża, saru l-ewwel spezzjonijiet mill-qrib tal-ħsarat kollha. Numru ta' esperti, fosthom periti, il-*quantity suryevor*, il-kuntrattur u persuni mill-Parroċċa eżaminaw il-kundizzjoni tal-binja. Evidenti kienu l-ħsarat li tul iż-żminijiet sofrew diversi parti tal-faċċata u l-kampnar. Il-kampnar li jżomm il-qanpiena l-kbira hu forsi l-aktar parti tal-istruttura li għandha ħsara fiha. Hu mistenni li jsiru aktar studji ħalli tintgħażel il-proċedura l-aktar effikaċi ta' restawr għal dan il-kampnar.

Fuq il-faċċata u l-kampnari huma evidenti wkoll il-ħsarat li għamlu diversi ħadid u msiemer li tul iż-żminijiet twaħħlu biex jintużaw għal xi raġuni jew oħra. Is-sadid hu wieħed mill-elementi prinċipali għad-deterjorazzjoni tal-ġebla. Ħsarat oħra jinkludu l-effetti ta' mikro-organiżmi li trabbew fuq il-ġebla, tinġis u effetti tar-riħ u xita fuq il-binja, b'mod speċjali fuq il-lavur u d-dekorazzjoni.

Dan ix-xogħol hu parzjalment iffinanzjat mill-fondi tal-Ministeru għal Għawdex.

Fis-27 ta' Diċembru, waqt l-inawgurazzjoni tal-proġett ta' restawr tal-koppla, Dr Justyne Caruana, Ministru għal Għawdex, ħabbret li ser tkun qed tagħi s-somma ta' €65,000 għall-installazzjoni ta' sistema ġdida tad-dawl għall-faċċata. Din is-somma ser tkun qed tikkontribwixxi biex tkompli tgħin fil-proġetti ta' riġenerazzjoni li bħalissa l-Parroċċa qed tmexxi. Hekk kif tħabbret din l-għotja, il-Parroċċa ħadet ħsieb biex tibda l-proċess ta' tendering. Dan jikkonsisti prinċipalment fi tfassil ta' dokument biex kumpaniji interessati jkunu jistgħu jixħtu l-offerta tagħhom skont il-kriterji stabbiliti mill-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Nhar il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru, Solennità ta' San Ġwann Appostlu, inżammet fil-Bażilika ta' San Ġorġ iċ-ċerimonja tal-Inawgurazzjoni tar-Restawr tad-Dekorazzjoni, il-Pitturau t-Twieqi tal-Koppla tal-Bażilika ta' San Ġorġ, xogħol li sar matul is-sena 2019 b'fondi parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Intgħażlet apposta din id-data għax it-tema tal-kwadri tal-koppla hi mnebbħa mill-Ktieb tal-Apokalissi, li hu attribwit lil San Ġwann l-Evanġelista. Għall-okkażjoni kienu preżenti l-E.T. Mons. Mario Grech, Amministratur Appostoliku għal Għawdex, u l-Onor. Justyne Caruana, Ministru għal Għawdex. *Il-Belt Victoria* qed tiddokumenta din l-okkażjoni storika billi ġġib id-diskorsi li saru fiha.

## Kelmtejn ta' Merħba fl-Inawgurazzjoni tar-Restawr tad-Dekorazzjoni, il-Pittura u t-Twieqi tal-Koppla tal-Bażilika ta' San Ġorġ

Il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2019

Francesco Pio Attard

*Eċċellenza Reverendissma,*
*Arċipriet,*
*Onorevoli Ministru għal Għawdex,*
*Benefatturi u Parruċċani,*
*Sinjuri,*

Merħba! U grazzi li qed tonorawna bil-preżenza tagħkom f'din il-Bażilika.

Illum hu jum speċjali għall-parroċċa tagħna. Sebgħin sena ilu, bħat-18 ta' Diċembru li għadda, il-ġemgħa li titlob f'dan it-tempju u l-poplu kellu setgħu jitpaxxew għall-ewwel darba bil-ġmiel tad-dekorazzjoni u l-pittura fil-koppla li għandna fuq rasna. Min jaf x'ħassew il-parruċċani Ġorġjani li stinkaw tant biex jarawha tinbena mill-ġdid fis-snin mimlija għaks u tbatija tat-Tieni Gwerra Dinjija!

Illejla, bħal missirijietna, inħarsu 'l fuq u nogħxew b'dan il-ġmiel, biex niftakru li hemm ukoll, fl-għoli, f'Alla, nistgħu nsibu l-milja tal-eżistenza tagħna. Il-koppla, kif ħa nisimgħu, hi wkoll sinjal tad-dirgħajn tiegħu miftuħa fuqna biex iberkuna u jseddquna fil-ħarsien tiegħu.

Dan iż-żmien tal-Milied li l-Knisja kollha qed tifraħ bih u tiċċelebra f'dawn il-granet, ifakkarna li, kif Alla sar bniedem biex iġedded l-umanità, hekk bħala komunità aħna ninsabu f'mixja ta' tiġdid li tibda u tintemm f'Ġesù Kristu, iċ-ċentru tal-eżistenza tagħna. Jekk fl-aħħar sena din il-ġawhra artistika li għandna fuqna rat xogħol importanti ta' restawr, konservazzjoni u tisbiħ, dan sar ukoll biex niftakru f'dak li Alla jixtieq jagħmel magħna permezz ta' Ibnu li sar bniedem: jirrestawrana u jġeddidna bl-imħabba ta' Missier ma' wliedu, riflessa wkoll fit-tema tal-Pater Noster fit-twieqi tal-istess koppla.

L-għażla ta' din il-ġurnata għall-inawgurazzjoni tat-tlestija ta' dan il-proġett hi simbolika. Illum hija l-Festa ta' San Ġwann Appostlu u Evanġelista, li fih, linja partikulari ta' eseġesi biblika tindentifika lid-"dixxiplu l-maħbub" tal-Mulej. Skont ċerti studjużi bibliċi, Ġwanni kien ukoll l-awtur tal-Apokalissi, l-aħħar ktieb tal-Iskrittura li minnu hi mnebbħa l-pittura unika tal-kwadri ta' din il-koppla. Missirijietna kienu għorrief biżżejjed li għażlu din it-tema għall-pittura tal-koppla li żżewweġ flimkien b'mod kważi mistiku ċ-ċentralità ta' Kristu Rebbieħ u l-premju mogħti lix-xhud fidil tiegħu, li fih aħna ma nistgħux ma nilmħux il-Patrun tagħna San Ġorġ, imma wkoll lil kull wieħed u waħda minna li fil-mixja tal-fidi aħna mistednin nieħdu sehem f'din ir-rebħa. Tidwi għalhekk f'kull żmien u issa wkoll minn din il-koppla s-sejħa li biha jagħlaq il-ktieb u l-Iskrittura kollha: "*Maranatha.* Ejja, Mulej Ġesù".

Iċ-ċelebrazzjoni tal-lejla, bis-sehem tal-Kor tal-Bażilika tagħna Laudate Pueri, tfakkar u tevoka dan kollu. Grazzi.

## Diskors storiku

Dr Paul George Pisani

Domenico Magri, ħu l-Arċipriet tal-Matriċi Dun Karlu, fil-*Hierolexicon*, jew dizzjunarju ta' termini ekkleżjastiċi li ġie ppubblikat diversi drabi fis-seklu tmintax, jiddefinixxi l-koppla bħala *"trullus, tholus, camera, sive testudo œdificii, quæ altius crescens in fastigiatium caucumen definit, et in orbem circumagitur, sive templi hemisphærium*[1]*"*. Fl-arkitettura ekkleżjastika l-koppla titla' tperreċ fuq is-santwarju sabiex tixhed minn ġewwa u aktar minn barra s-*sancta sanctorum*, il-post fejn hemm il-preżenza reali ta' Alla fostna. Għalhekk, skont id-definizzjoni ta' Magri, il-koppla hija bini maestuż, ir-ras tat-tempju, bini mqaċċat u mgħolli 'l fuq, ta' forma ħemisferika. Il-Bażilika ta' San Ġorġ, li fiha ninsabu llejla, hija mżejna b'koppla maestuża, li l-profil tagħha wieħed jista' jarah mill-bogħod kemm meta jkun qed jersaq lejn ir-Rabat min-naħa tal-lvant, jiġifieri min-naħa tax-Xewkija, kemm min-naħa ta' nofsinhar, jiġifieri min-naħa Ta' Sannat, kif ukoll mill-punent, jiġifieri min-naħa tal-Għarb. Huwa biss min-naħa tal-punent li l-koppla msemmija tinħeba wara l-*mole* maestuż taċ-Ċittadella. Nistgħu ngħidu li din il-koppla tiddomina x-xefaq tal-Belt Victoria, kif tixhed tant tajjeb bolla sabiħa li l-amministrazzjoni postali ta' pajjiżna ħarġet snin ilu.

Illum inġbarna sabiex infakkru l-inawgurazzjoni tar-restawr li sar fuq barra u fuq ġewwa tal-koppla ta' din il-Bażilika venerabbli. Dan ix-xogħol seta' jsir bl-għajnuna ta' fondi taħt programm ta' kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea kkordinat mid-Djoċesi ta' Għawdex u anki

permezz ta' fondi miġbura mill-Parroċċa tagħna mingħand il-benefatturi tagħha. Ix-xogħol sar minn idejn esperti li ser ikellmuna dwaru aktar 'il quddiem, u fuq kollox sar bl-għajnuna u l-koperazzjoni ta' diversi voluntiera u ħbieb tal-parroċċa.

Fil-qosor ser nipprova nwasslilkom il-ġenesi tal-bini, tad-dekorazzjoni u li wassal għall-inawgurazzjoni finali tal-koppla fl-1949. Naturalment dan ġara qabel twelidt jien u l-informazzjoni li ser inwassal nafha mingħand żewġ persuni li ħabbu bis-sħiħ dan il-post qaddis: il-mibki Kanonku Nikol Vella Apap u l-mibki Mons. Teżorier Anton Grech Vella. Ta' tifel trabbejt hawn f'din il-Bażilika u kont nogħxa nisma' r-rakkonti tagħhom dwar ġrajjiet dan it-tempju qaddis. Dun Nikol kien ippubblika xi tagħrif dwar din il-ġrajja li jiena għamilt użu minnu.

Il-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ damet snin twal mingħajr koppla. Il-ħerba taż-żmien u ħsarat fit-terremoti kienu ġagħlu lil ta' qabilna sabiex ma jibnux il-koppla wara dawn il-ħsarat u jsaqqfu t-tanbur permezz ta' bejt normali. Għal dawk li għadhom jiftakru kif kienet il-Knisja ta' San Ġakbu qabel ma twaqqgħet snin ilu, il-'koppla' ta' San Ġorġ kellha l-istess forma. Kellha ċ-ċelu tagħha mgħotti b'pittura li tirrappreżenta l-Glorja ta' San Ġorġ fis-Sema, li l-abbozz tagħha, b'xorti tajba, illum jinsab ikkonservat fil-Mużew Il-Ħaġar. Il-fabbrika tal-knisja kienet baqgħet l-istess kif saret fl-1672. Il-moħħ jew imħuħ wara t-trasformazzjoni, it-tkabbir u d-dekorazzjoni ta' dan it-tempju kienu Monsinjur Ġużeppi Farrugia, imlaqqam *tal-Vers*, Vigarju Ġenerali, teologu, poeta, dekoratur, kompożitur u mużiċista; in-neputijiet tiegħu Monsinjur Francesco u Ġużepp, aħwa Portelli; l-Arċipriet Alfons Maria Hili, u ħuh Dun Karm. Magħhom kien hemm is-sapport tal-isqfijiet djoċesani, tal-kleru sekulari u fuq kollox tal-parruċċani li ma qagħdux lura milli joħorġu sehemhom. Ix-xogħol nistgħu ngħidu li beda fis-sena 1816-1817 meta twaqqgħet il-faċċata l-antika u nbniet dik preżenti fuq pjanta tal-Kanonku Salvatore Bondì. Fis-sena 1906, Monsinjur Farrugia ħejja l-pjanti tas-sagristiji tal-knisja, fis-snin tletin tal-istess seklu tkabbret il-knisja bil-bini tan-navi, u fl-1940, fil-qofol tal-aħħar Gwerra Dinjija, inqala' l-bejt tat-tanbur tal-koppla u bdiet tielgħa l-koppla maestuża li naraw illum. Jingħad, għalkemm din hija biss illazzjoni u ma tistax tiġi kkonfermata bl-ebda mod, li r-*Regia Aeronautica* tal-Gvern Faxxista Taljan ta' dak iż-żmien kienet irċeviet struzzjonijiet, permezz tal-influwenza indiretta ta' persunaġġ prominenti li kien jgħix Ruma, sabiex tiskansa kemm jista' jkun il-qalba tar-Rabat sabiex ma ssirx ħsara lil din il-knisja. Veru jew mhux veru, l-uniċi attakki li seħħew fuq il-qalba tar-Rabat ta' Għawdex matul l-aħħar Gwerra seħħew mil-*Luftwaffe* Ġermaniża u mhux mit-Taljani.

Malli ntemm il-bini tal-koppla, il-prokuraturi tal-knisja ħasbu sabiex jibdew id-dekorazzjoni tagħha, pass li kellu jkun l-ewwel wieħed sabiex imbagħad jiġi ddekorat is-saqaf kollu tal-knisja. F'dan iż-żmien l-Arċipriet *pro tempore* kien Mons. Mikiel Cefai u l-Prokuratur tal-Knisja kien Mons. Giovanni Grech. Huma inkarigaw lill-imgħallem Mikiel Borg u ibnu Ġanni sabiex jagħmel l-iskallinar tal-membri tal-koppla, il-gwarniċun tat-tanbur tal-koppla, tal-lanterna, u l-kurdun ta' taħt il-lanterna, u l-iskultura mal-lunetti, u xogħol ieħor ta' skultura. Dan ix-xogħol sewa £365.18.6 [2].

Għar-rigward tad-dekorazzjoni proprja tal-koppla kien ġie inkarigat Ġużè Galea, artist mir-Rabat ta' Malta li kien studja Ruma. Fuq suġġeriment tiegħu ġie mqabbad il-Professur Gian Battista Conti bħala pittur. B'xorti tajba dan is-suġġeriment ġie aċċettat mill-amministrazzjoni tal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, u nistgħu ngħidu li Galea u Conti ħadmu sew flimkien – kif ngħidu, *in tandem* – u ħallewlna din il-ġawhra li żżejjen lill-belt tagħna. Ġużè Galea lesta d-disinn tad-dekorazzjoni tal-koppla u tal-lunetti ta' taħtha, u eventwalment beda x-xogħol fuq il-forom li ntużaw għad-dekorazzjoni permezz tal-ġibs, l-hekk imsejjaħ stucco jew pasta. Taħt il-koppla, mal-gwarniċun twaħħlet arma kbira tal-Papa Piju XII, il-papa li fi żmienu telgħet u tlestiet il-koppla u l-Papa li kellu jikkonċedi t-titlu ta' Bażilika Minuri lil dan it-tempju. Din l-arma hija wkoll xogħol l-artist Ġużè Galea. Ix-xogħol tal-istucco kien sewa £484.4.0, filwaqt li l-forom tal-pasta kiemu qamu £171.4.0[3]. Wara li tlestiet id-dekorazzjoni tal-pasta, il-koppla nżebgħet biż-żejt tal-kittien. Setgħet imbagħad tibda l-induratura li saret mill-induratur Pawlu Francalanza mill-Belt Valletta. Ix-xogħol kien sewa £278.16.0. Wara, sar l-irħamar tal-pilastri tal-koppla mill-artist Ġużè Galea, liema dekorazzjoni swiet £11.

Il-Professur Conti seta' issa jibda d-dekorazzjoni tal-koppla. Is-suġġetti tal-pittura ntagħżlu mill-Arċipriet Cefai. L-erba' lunetti ta' taħt il-koppla jirrappreżentaw il-virtujiet – Karità, Qawwa, Fidi u Saġrifiċċju; filwaqt li t-tmien kwadri tal-koppla jirrappreżentaw xeni mill-ktieb tal-Apokalissi – "Kif Kristu jippremja r-ruħ it-tajba". Il-pittura tal-koppla ġiet iffinanzjata minn żewġ benefatturi insinji, is-Sur Francesco Schembri u martu s-Sinjura Ġużeppa, imlaqqma *tad-Deredej*, li kienu joqogħdu fi Triq ir-Repubblika, ħdejn il-Barrakka, u s-Sinjura Maria Dolores Casolani. Dawn il-benefatturi bejniethom ħarġu madwar is-somma ta' £2,380 għad-dekorazzjoni tal-koppla. Saru wkoll sett ta' twieqi *stained glass*, fuq disinn tal-imsemmi Ġużè Galea.

L-inawgurazzjoni tad-dekorazzjoni tal-koppla saret nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru 1949. Waranofsinhar kien sar Għasar solenni bil-mużika, u wara saret iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni fejn id-diskors taċ-ċirkustanza sar mill-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai, li ta spjegazzjoni dettaljata u teoloġika tal-kwadri. Il-koppla tbierket mill-Isqof djoċesan Mons. Ġużeppi Pace, li wara intona *Te Deum* ta' radd il-ħajr.

Illum, fis-Solennità liturġika ta' San Ġwann Appostlu u Evanġelista, li lilu hu attribwit minn bosta stjudjużi bibliċi l-Ktieb tal-Apokalissi, mess lilna li nkunu preżenti għall-inawgurazzjoni ta' dan ir-restawr, sebgħin sena wara li tlesta x-xogħol. Niftakru bi gratitudni f'dawk ta' qabilna li b'sagrifiċċji kbar ħallewlna dan it-teżor, nirringrazzjaw lill-awtoritajiet tal-knisja tal-preżent li ħadu ħsieb li dan it-teżor ma jintilifx u jiġi rrestawrat, u ejjew nafdaw dan it-teżor lil uliedna b'rakkomandazzjoni li jibżgħu għalih, jieħdu ħsiebu u jgħadduh huma wkoll lill-ġenerazzjonijiet ta' warajhom.

Nirringrazzjakom tal-attenzjoni.

**Riferenzi**

1 Ara, ngħidu aħna, *Venetiis, Ex Typographia Balleoniana*, *sub voce*, p. 616.

2 N. Vella Apap, 'Għeluq il-ħamsin sena mill-inawgurazzjoni tal-Koppla monumentali tal-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex', fi *Programm Festi San Ġorġ*, 1999, p. 67.

3 Ibid.

# Id-Diskors tal-Arċipriet

Dun Joseph Curmi

*Eċċellenza Reverendissma Mons. Isqof Mario Grech, Onorevoli Ministru għal Għawdex Dr Justyne Caruana, u intom hawn preżenti.*

Illum hu jum importanti fl-istorja tal-Parroċċa tagħna u fl-istorja ta' din il-Bażilika, għaliex qed nerġgħu nikxfu l-koppla wara sena ta' restawr bl-għan li tinġieb għall-glorja kif oriġinarjament maħsuba.

**L-iżvilupp tal-kunċett ta' koppla**

Il-kunċett ta' koppla fil-knejjes hu wieħed addottat u żviluppat minn simboliżmu li jmur lura ħafna fiż-żmien. Għalkemm ma nafux eżatt meta l-idea ta' koppla bdiet tiġi użata mill-bniedem, nafu żgur li sa minn żmien il-Ħaġar, din l-istruttura kienet ġa simbolu suġġestiv użat kemm f'binjiet għall-mejtin u kemm iktar tard f'rabta simbolika mal-univers u mad-divin. Fil-fatt fil-koppli tal-ambjenti pagani kemm-il darba nsibu dekorazzjonijiet ta' kwiekeb tal-univers u oġġetti marbutin mas-sema jew divinitajiet pagani.

Il-koppla fil-Lvant Nofsani xeddet is-simboliżmu tat-tinda tal-ħakkiem, jew tar-re, u speċjalment ta' Alla li jgħammar f'nofs il-poplu. Dan jidher ċar fil-letteratura tat-Testment il-Qadim. Fid-dinja Ellenistika u Rumana l-koppla mqiegħda fuq bażi kwadra kienet tiġbor flimkien is-simboliżmu ġeometriku taċ-ċirku u l-kwadru. Iċ-ċirku jirrapprenżenta l-perfezzjoni, l-eternità u s-smewwiet, filwaqt li l-kwadru jirrappreżenta d-dinja. Aktarx id-*domus aurea* ta' Neruni hi l-ewwel eżempju fejn il-koppla hi parti ċentrali fl-istruttura ta' dan il-palazz. Il-koppla kienet saret is-simbolu tad-divinizzazzjoni tal-Imperatur. U minn hemm anki l-imperaturi taż-żmien Biżantin bdew jużaw il-koppla jew inkella n-nofs koppla (abside bl-arzella) biex juru d-divinità tagħhom.

U hekk il-Kristjaneżmu addotta din l-idea fl-istruttura tal-knejjes u l-bażilċi, u minflok l-imperatur qiegħed lil Kristu Sultan. Hu fatt interessanti li fi żmien il-Konċilju ta' Trento, jiġifieri eżattament qabel l-Assedju l-Kbir (1545-1563), kien hemm min kien iqis iċ-ċirku u l-kwadru bħala simboli pagani u riedu jibdew jaddottaw il-forma ovali. Fost dawn kien hemm San Karlu Borromeo li fl-1577 ippubblika struzzjonijiet ta' dan it-tip għal Milan.[1] Imma minkejja dan il-moviment, wasalna saż-żmien tagħna, fejn wara li b'riżultat tat-terremot tal-1693 kellha tinħatt il-koppla mibnija fl-1678 mal-bqija tal-knisja tagħna, fis-snin erbgħin tas-seklu l-ieħor ġiet mibnija mill-ġdid, impittra u ddekorata din il-koppla maestuża u ġojjell tal-arti li llum qed ninawguraw ir-restawr estensiv tagħha.



**It-tema Apokalittika f'koppla**

Kien tabilħaqq pjan profond u mnebbaħ kemm mill-fidi u kemm minn għerf teloġiku qawwi mżewweġ mal-istess simboliżmu arkitettoniku tal-koppla fl-iżvilupp tal-istorja tagħha li wassal lill-Arċipriet Mikiel Cefai biex fil-koppla jistħajjel xeni tax-xhud rebbieħ fil-Ktieb bibliku tal-Apokalissi.

Dan il-ktieb, l-aħħar wieħed tal-Iskrittura Mqaddsa, hu verament kumpless u mhux faċli taqrah. Fil-fatt dan il-ktieb qatt ma kien maħsub għall-qari personali imma fi ħdan komunità. Biex jinqara dan il-ktieb hemm bżonn qarrej kompetenti kif ukoll komunità li tisma' u tinterpreta. Kien verament b'għaqal u b'umiltà stupenda li l-artist li pitter din il-koppla, bħala preparazzjoni għal dawn il-pitturi għadda żmien Ruma fl-Istitut Bibliku jitgħallem u jgħarbel flimkien ma' professuri fil-qasam kif se joħroġ b'mod viżiv kunċetti teoloġiċi ta' din il-kumplessità.

Hu maħsub li fl-ewwel komunitajiet Insara, il-qarrej, jiġifieri l-eseġeta, kien ikun l-isqof innifsu. Hu biss kien jaf jagħti indikazzjonijiet lill-assemblea dwar kif għandha ssegwi l-messaġġ ta' dan il-ktieb. It-test tal-Apokalissi kien miktub biex jinqara f'komunità li wara li tisma', tagħti l-interpretazzjoni tagħha ta' dak li kiteb l-awtur u tkun kapaċi tapplikah fil-ħajja tal-komunità. Din hi l-istess sfida li għandna aħna llum: kif se ninterpretaw korrettement u napplikaw għall-komunitajiet tagħna test miktub elfejn sena ilu b'lingwaġġ u stil tant kumplessi. Fil-fatt ninnutaw li l-ktieb tal-Apokalissi hu wieħed mit-testi l-iktar assenti fil-komunitajiet tagħna, u meta jiġi użat, hu wieħed mit-testi li l-iktar jiġi interpretat ħażin.

**Il-Ġeneru Apokalittiku**

Bħala ġeneru letterarju l-Ktieb tal-Apokalissi jagħmel parti minn stil popolari fi żmienu: apokalittiku. Dawn kienu kitbiet kważi kważi ta' reżistenza quddiem realtà li diffiċli taċċettaha. Il-kitbiet apokalittiċi riedu jagħtu tweġiba għal mistoqsijiet bħal: X'sar minnhom il-wegħdiet tal-profeti? M'għadx baqa' profeti u aħna ninsabu taħt il-ħakma vjolenti ta' ħakkiema barranin. X'sar minnhom il-wegħdiet ta' Alla? Tgħid Alla nsiena?

L-awtur tal-Apokalissi jidħol f'dan il-kurrent u jixtieq jikteb lill-komunitajiet tiegħu bi skop preċiż. Meta nitkellmu fuq l-Apokalissi soltu jingħad li nkiteb b'dan il-mod għax kienu komunitajiet ippersegwitati. Imma dan mhux korrett għalkollox, għax, ngħidu aħna, il-komunità ta' Efesu ma kinetx għaddejja minn xi persekuzzjoni partikolari f'dawk iż-żminijiet. Il-problema li jpoġġi l-awtur quddiem il-komunitajiet tiegħu hi: X'sar minnhom il-wegħdiet li l-komunità ħadet biex ixxandar l-Evanġelju? X'sar minnha l-għażla li ħadtu biex tingħaqdu ma' Kristu




INRI
FRANCISCUS ET M. JOSEPHA
CONJUGES SCHEMBRI
DONARUNT
A.D. MCMXLIX














ritratti: Joe Attard

meta ġejtu wiċċ imb wiċċ ma' sistema ta' ħajja li tipproponi modi oħra ta' mġiba?

'Apokalissi' tfisser tneħħi l-velu, tiżvela. Dan il-velu jfakkarna f'dak tat-Tempju ta' Ġerusalemm li kien iżomm l-aċċess dirett għal Alla. Dan il-ktieb mhux hemm biex jgħidlek dak li se jiġri jew dak li ma tafx, imma biex tibdel il-perspettiva ta' kif tara l-affarijiet. Irid ibiddlilna l-mod li bih drajna naraw l-istorja, fejn il-qawwi hu dak li jirbaħ u jmexxi l-ħajja ta' ħaddieħor. L-awtur jurina li din hi purament apparenza. L-istorja tevolvi permezz ta' qawwa li tiġi mhux minn forza li tkisser imma mid-dgħufija ta' mħabba inkundizzjonata. L-imħabba ma tistax timponiha, imma tista' toffriha, u jekk tiġi milqugħa jistgħu jitwieldu ħwejjeġ kbar, imma jekk tiġi rrifjutata, l-istess rifjut ikun prova tad-dgħufija tagħha.

**L-użu tas-Simboli**

Il-lingwaġġ tal-Apokalissi hu wieħed simboliku, tipiku tal-letteratura apokalittika. Forsi wieħed jistaqsi: Mhux aħjar kieku l-awtur uża lingwaġġ iktar aċċessibbli u li jifhmu kulħadd? Is-simbolu hu lingwaġġ dejjem frisk u attwali, imqar jekk kultant ikollna nerġgħu nippruvaw nifhmu t-tifsira proprja tiegħu. Ngħidu aħna, l-awtur isemmi d-dragun li żgur jirreferi għall-poter ta' dak iż-żmien. Kieku hu semma b'isimhom lil Neruni jew Domizjanu, malli jmutu dawn il-problema ma kinitx tiftiehem iżjed, għax it-tirann m'għadux hemm. Imma s-simbolu tad-dragun jista' jirreferi għal kull tirann li jista' jeżisti f'kull żmien u post. Xogħol il-komunità hu li tindentifika fi żmienha min hu d-dragun, it-tirann, biex ma tingħaqadx miegħu u tieħu bħala tajjeb dak li hu ħażin.

Aspett li spiss jiġi injorat meta naqraw l-Apokalissi hu li l-messaġġ tiegħu jista' jittieħed kompletament pożittiv. Fil-fatt l-awtur jiftaħ il-ktieb b'beatitudni u jagħlaq b'beatitudni. Ktieb li jibda bi stedina biex inkunu ferħanin u jagħlaq bl-istess mod ma jistax ikun ktieb negattiv. Fil-ktieb kollu nsibu b'kollox seba' beatitudnijiet. Il-ktieb jiftaħ proprju b'beatitudni għall-qarrej u s-semmiegħ: "Hieni dak li jaqra u henjin dawk li jisimgħu l-kliem ta' din il-profezija u jħarsu dak li hemm miktub" (1:3).

**Il-Ktieb tal-Istorja tal-Ħajja**

*Imbagħad il-Ħaruf fetaħ l-ewwel wieħed mis-seba' siġilli, u jien ħarist u smajt wieħed mill-erba' Ħlejjaq Ħajjin jgħid b'leħen ta' ragħda: "Ejja". U jien ħarist, u ara, ġie żiemel abjad, u dak li kien riekeb fuqu kellu qaws, u ngħatatlu kuruna; u ħareġ hu, rebbieħ, biex ikompli jirbaħ. (Apok 6:1-2)*

L-Apokalissi jippreżenta l-ktieb bis-siġilli li mhux ħlief ix-xbieha tal-istorja umana u tal-proċess ta' żvilupp u maturazzjoni lejn il-milja tal-ħajja fi Kristu. Storja milquta wkoll minn qawwiet tal-mewt. Imma l-ewwel realtà li jippreżenta l-awtur hi waħda pożittiva, li hi l-*leitmotif* tal-istorja kollha: żiemel abjad u rikkieb, li ngħatatlu kuruna, bil-qaws f'idejh li ħareġ, rebbieħ biex ikompli jirbaħ… proċess ta' rebħa kontinwa. Din hi l-qawwa rebbieħa tal-Irxoxt. Il-kulur abjad fl-Apokalissi hu l-kulur tal-Qawmien mill-Imwiet; iż-żiemel jirrappreżenta qawwa li kważi kważi impossibbli timmansaha; l-ark hu simbolu tal-Patt il-ġdid; il-kuruna tar-rebħa. Qawwu qalbkom, għax fl-istorja kollha hemm qawwa tal-għaġeb li twassal għar-rebħa. Dan hu Kristu rebbieħ fuq il-ħażen. Fl-istess ħin, ma tridx tintesa li din il-qawwa hi dgħajfa għax hi mħabba, il-Ħaruf hu mħanxar imma wieqaf fuq saqajh.

**Rebħa li tistieden**

Conti jpoġġi din ix-xbieha ta' Kristu Rebbieħ bħala ċ-ċentru tal-koppla kif tidher mill-korsija. Din ir-rebħa hi l-għajn li minnha jixrob ir-rebbieħ. Is-seba' flieli l-oħra tal-koppla li fihom tidher il-figura tar-rebbieħ anonimu, jiġifieri nistgħu – anzi mistednin – inkunu int u jien, jieħdu d-dawl minn din il-figura ċentrali. Hu li jistħoqqlu jieħu l-ktieb tal-istorja tal-bniedem u jikser is-siġilli tiegħu. Hu biss jagħti s-sens lill-ħajja tal-bniedem.

Sew l-Arċipriet Cefai u sew Conti għarfu b'mod stupend is-sens arkitettoniku ta' koppla li tindika u twassal għar-realtà ċelesti, kif ukoll wasslu lil min qed iħares biex jilqa' dan is-sens pożittiv tal-Apokalissi li jxennaq lill-bniedem jingħaqad mar-Rebbieħ. Hekk għamlu minn din il-koppla festa ta' tgawdija u ta' rebħa ta' Kristu l-Ħaruf u tar-rebbieħ anonimu magħqud fl-hena, fil-beatitudni. Hekk il-figura ta' San Ġorġ, *"Beatus Georgius"*, tidħol perfettament bħala r-rebbieħ hieni għax sema' u ħares dak li hemm miktub u ħa sehem fir-rebħa dgħajfa imma sħiħa tal-imħabba tal-Ħaruf li kien maqtul.

Nirringrazzjakom li smajtu dawn il-ftit ħsibijiet tiegħi mdawla minn sigħat li għaddejt fil-koppla nifli d-dettalji meraviljużi kif ukoll frott studju ta' kitbiet tal-Apokalissi, b'mod speċjali kitbiet u artikli tal-istudjuż bibliku Ricardo Pérez Márquez, Serv ta' Marija.

**Għeluq**

Nagħlaq dan id-diskors tiegħi billi nirringrazzja lil tant persuni li għamlu possibbli dan il-proġett kbir li dħalna għalih. L-ewwel nett lilek, Eċċellenza, għas-sapport li dejjem sibt mingħandek; lill-Assoċjazzjoni Kura, b'mod speċjali lil Noel Formosa, Gabby Mallia u Dr Mark Sagona; lill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, li mill-fondi tiegħu sar dan il-proġett; lid-Ditta Atelier del Restauro li kienu inkarigati mix-xogħol kollu ta' restawr professjonali; lil dawk li għenu fix-xogħol preparatorju u ta' *tendering* u ta' għajnuna volontarja waqt it-twettiq tal-proġett, fosthom John Cremona, Andrew Formosa, Francesco Pio Attard, George Francis Vella, Carmel Farrugia, Christian Debono, Manuel Farrugia, Elena Tabone, Wallace Camilleri, Andrea Camilleri, Ian Schembri u George Schembri; il-fotografu JJP Zammit li ddokumenta l-proċess kollu; lill-Kor tal-Bażilika Laudate Pueri li anima ċ-ċelebrazzjoni sabiħa tal-lejla.

Nixtieq nirringrazzja lilkom, għeżież benefatturi, li mingħajr il-kontribut kbir tagħkom ma stajniex naslu sa din il-ġurnata. Jalla dan it-teżor ta' koppla li għandna jkompli jqanqal il-mistoqsija tal-Apokalissi: X'sar minnha l-għażla li għamilna li nimxu wara Kristu? X'sar minnha l-missjoni li ħadna li nxandru l-Evanġelju?

**Riferenza**

Hanno-Waltert Kruft, *History of Architectural Theory,*Princeton 1994, 93-94.

# Diskors tar-Restawraturi

Valentina Lupo

Illejla l-kumpanija tagħna Atelier del Restauro ġiet mistiedna biex tispjega l-konservazzjoni u r-restawr li sar fuq din il-koppla. Ix-xogħol beda f'Ottubru 2018 u ntemm f'Mejju 2019. B'kollox domna seba' xhur, li kienu seba' xhur ta' ħidma kontinwa fejn kien hemm bejn tliet u erba' restawraturi kuljum għaddejjin fuq ix-xogħol ta' konservazzjoni li issa se nispjega.

Sar ħafna xogħol, u se nipprova nkun konċiża sabiex nispjega l-aktar partijiet importanti tal-proġett. Il-koppla bdiet tingħalaq f'Ottubru 2018 bl-i*scaffolding* u meta tlajna hemm fuq rajna attwalment kemm id-deterjorazzjoni kienet avvanzata. Rajna wkoll bnadi fejn il-ġebla tant kienet mittiekla illi kważi minn isfel ma kien jidher xejn. Bdejna billi ffotografajna l-koppla kollha b'ċertu dettall, fejn imbagħad ir-ritratti kollha – kemm dawk ġenerali u kemm dawk ta' ċertu dettall – għamilniehom ġo *graphic drawing* permezz tal-kompjuter u mbagħad manwalment kull biċċa mill-koppla ġiet *mapped* fil-*graphic drawings* u kull *open joint*, xquq jew fejn kien hemm il-melħ immarkajniehom biex stajna niddokumentaw id-deterjorazzjoni li sibna. Dan sar biex l-ewwel nifhmu l-ħsara differenti li hemm permezz ta' stampa aktar ċara, kif ukoll biex dawn id-disinni jinżammu fl-Arkivju tal-Bażilika biex jekk fil-futur tinqala' xi ħsara oħra, inkunu nafu jekk hix ħsara li ġejja mill-passat jew jekk id-deterjorazzjoni hijiex ġdida, ħaġa li ma kinitx fil-proġett tagħna.



**Id-dekorazzjoni**

Se nuri ritratti tal-istat tal-koppla, kemm il-ħitan tal-koppla u kemm id-dekorazzjonijiet tal-ġebla u dawk fl-i*stucco*. Kien hemm ħafna miż-żebgħa kienet qed tinqala', tinbeżaq 'il barra. Il-lanterna kienet fi stat qawwi ħafna ta' deterjorazzjoni, fejn kien hemm saħansitra partijiet fejn l-iskultura u anki l-induratura kienet qed tintilef. Dan minħabba l-fatt li fil-koppla fuq in-naħa ta' barra fil-passat daħal l-ilma. L-ilma huwa l-ikbar għadu għall-ġebla tal-franka, għax il-ġebla tagħna tassorbi ħafna ilma – qisha sponża – u minħabba l-fatt li aħna ngħixu fi klima ħdejn il-baħar – *marine environment* – u allura l-ġebla permezz tax-xita tassorbi ħafna melħ. Dan il-melħ, imbagħad, meta jassorbih, joħroġ fuq il-ġebla u jibda proċess ta' *weathering*, fejn rajna li parti mill-iskultura ntilfet kompletament. Rajna wkoll li partijiet mill-ġebla, anki min-naħa ta' barra, il-knaten kienu fi stat ta' deterjorazzjoni qawwija. Tajjeb li nsemmu li l-koppla kienet qed tiġi rrestawrata min-naħa ta' barra minn kumpanija oħra, fejn kellhom ibiddlu xi knaten minħabba l-ħsara li kien hemm. Għalhekk il-ħsara li kien hemm barra kienet qed tirrifletti fuq ġewwa. Anki fil-lanterna rajna li l-gwarniċun kien kważi spiċċa għalkollox. Rajna wkoll *open joints* u li l-kustilji kollha kellhom problemi kbar minħabba *water infiltration*.

It-tieni problema li kien hemm kienet l-ammont kbir ta' trab. Ovvjament, impossibbli li l-koppla tiġi mfarfra, għax l-uniku mod biex tfarfarha hu li tarma *scaffolding*, allura kien hemm it-trab. It-trab għamel ukoll il-ħsara, għax it-trab huwa materjal ħaj, hemm ħafna *bacteria* fih u din il-*bacteria* tibda tiekol anki saffi tal-induratura u tal-pittura. Ir-ritratti li ħadna jixhdu li ħafna mill-iskultura hija miksija bit-trab.

L-ewwel li għamilna kien il-konsolidament tal-ġebla u tad-dekorazzjoni biex tkun fi stat tajjeb ta' konservazzjoni. Rajna wkoll li l-ġebla kienet tidher viżwalment fi stat tajjeb, imma meta ħabbatna fuqha konna nisimgħu ħafna vojt, li jfisser li l-ġebla minn ġewwa kienet mittiekla. Permezz ta' konsolidant apposta poġġejna dan il-materjal, u wara bil-mod il-mod ikkonsolidajna l-ġebla. Dan il-proċess ħa madwar tliet xhur. Barra minn hekk, kull fejn kien hemm il-ġebla mittiekla sar konsolidament b'materjal li jgħidulu *nanolimes*, li ġew studjati għall-konsolidament tal-franka. Kien hemm ukoll partijiet fejn tant il-ġebla kienet qed tinqala' minn mad-dekorazzjoni li kellna nużaw qishom stikki tal-*fibre glass* billi għamilna toqba fil-ħajt biex dawn ikunu jistgħu jidħlu ġewwa u permezz ta' proċess iżommu l-iskultura u anki partijiet mill-ħajt f'posthom. Wara saru l-*plastic repairs* kollha tal-iskultura – kien hemm neqsin ħafna weraq, frott u fjuri li kellna nagħmlu rikostruzzjonijiet tagħhom kif ukoll tal-ħajt. Użajna materjal kompatibbli *hydrolic lime* b'diversi *sands* li huma wkoll kompatibbli mal-ġebla Maltija. Il-proċess sar kollu saff b'saff u kellna wkoll il-problema li dan ix-xogħol sar fix-xitwa, allura minħabba l-umdità kbira li kien hemm il-materjal dam ħafna biex jinxef.

Farfarna t-trab kollu permezz ta' *vacuum cleaner* u bi pniezel, u wara ridna nnaddfu l-iskultura b'*gels* apposta biex inkunu nistgħu nneħħu mhux biss it-trab li weħel imma anki l-verniċ, għax kien hemm ammont kbir ta' verniċ li ma kienx kompatibbli mal-ġebla, għax ma jħallix il-ġebla





tieħu n-nifs. U kien ukoll verniċ li lill-pittura saffarha, għax kien verniċ organiku li biż-żmien jisfar. Saret ukoll ir-riduzzjoni tal-melħ permezz ta' *poltises*, li huwa proċess twil wisq u għalhekk minħabba l-ħin mhux se nispjegah illejla. Sar ukoll it-tindif tal-induratura kollha b'*gels*. U fejn kien hemm induratura li ttieklet bid-deterjorazzjoni – li kien hemm porzjonijiet kbar –, reġgħet saret induratura mill-ġdid b'deheb ta' 23.75 karat.

**L-i*stained glass***

Ħadna ħsieb ukoll li nirrestawraw it-twieqi, l-i*stained glass*, li wkoll ġew iddisinjati mill-pittur Gian Battista Conti u magħmula Ruma, proprju maħduma mid-Ditta Vetrate d'Arte Giuliani. Ma' kull tieqa nsibu l-istemma u l-firma ta' Conti. Dawn it-twieqi, li huma meravilja fid-disinn u anki fit-teknika bi sfumaturi fl-uċuħ u anki fix-xagħar, kellhom ukoll xi problemi. Kien hemm partijiet mill-i*stained glass* li kien miksur, allura hemmhekk kellha ssir it-tiswija kollha tal-i*stained glass*. It-tieni problema kienet ukoll fil-qafas tal-metall, li ssaddad. Il-proċess beda billi kellna nneħħu l-istokk kollu minn mal-qafas biex naslu għall-metall. Il-metall kollu ġiet ttrattat. Barra l-i*stained glass* hemm ħġieġ ieħor komuni fuq wara tal-istess *stained glass* li biċċiet minnu kien miksur. Għalhekk kellna nieħdu l-forom kollha tal-ħġieġ imkisser sabiex nagħmlu l-ġdid. Uħud minn dawn it-twieqi, jiġifieri l-i*stained glass*, kellhom jinqalgħu biex jiġu rrestawrati, fejn ukoll beda l-proċess ta' tiswija u tindif. Peress li kienet ix-xitwa u kien jidlam kmieni, kellna naħdmu fuq ġewwa b'bozza sabiex nagħmlu d-dawl wara l-i*stained glass* sabiex inkunu nistgħu naraw il-kuluri u anki l-ħġieġ.

**Il-pittura**

Il-pittura saret bit-teknika tal-*marouflage* li hija tila mpittra u mwaħħla mal-ħajt. U huwa tajjeb li Conti uża din it-teknika, għax kieku kienet pittura taż-żejt fuq il-ġebla probabbli ħafna li l-pittura kienet tkun deterjorata kif kienet il-ġebla. Allura tajjeb li kien hemm din it-teknika. B'mod ġenerali l-pittura kienet maħmuġa ħafna, u mill-analiżi li għamilna kien hemm ħafna *soot* – ħmieġ li ġej mix-xemgħat u mit-tinġis. Kien hemm ukoll ħafna żoni fejn kien hemm il-moffa u sibna wkoll ammont ta' verniċ li ma ġiex applikat b'mod omoġenju; kien hemm ħafna qtar li rajnieh kollu bil-UV.

Kien hemm ukoll xi ħaġa li ma tarahiex viżwalment: li l-pittura bdiet tinqala' minn mal-ħajt, għax minħabba li daħal l-ilma fuq barra, dan l-ilma beda jħoll il-kolla li uża l-artist u beda jimbotta l-pittura 'l barra. Sibna wkoll, ngħidu aħna, xquq fuq l-id ta' Kristu riekeb fuq iż-żiemel li hemm fil-parti tan-nofs, għax din hija parti fejn Conti ma pittirx direttament fuq it-tila, imma għamel *stucco* biex idu tidher imqabbża 'l barra. Ir-raġġi kollha ta' din il-pittura huma indurati u saru bil-biċċiet tal-injam u twaħħlu fuq it-tila. U dawn li kieku ma ħadniex ħsiebhom setgħu jaqgħu biż-żmien. Kien hemm ħafna saffi mxaqqa fil-kulur ukoll u ħafna telf ta' kulur, li jfisser li l-kulur beda jaqa'.

Sar il-konsolidament kollu, b'ħafna injezzjonijiet ta' konsolidant biex inżommu l-pittura milli taqa'. Il-pittura wkoll inżammet b'perns biex inkunu nistgħu nimbuttawha, għax kienet tqila ħafna. Tnaddfet kollha. Kien hemm qisu saff ta' ħmieġ u *soot* fuqha. Saret ukoll l-induratura għax kien hemm ħafna partijiet indurati fuq il-pittura li ddeterjoraw. Sar l-irtokk kollu b'kulur riversibbli bi pniezel irqaq ħafna, biex immorru biss fejn hemm it-telf fil-pittura u ma nivvintawx jew ma npittrux fejn ma hemmx bżonn. U fl-aħħar tajna *coating* ta' verniċ kemm fuq il-pittura u kemm fuq l-iskultura, li huwa verniċ stabbli ħafna studjat apposta għall-konservazzjoni, li ma jisfarx u ma jaqbadx trab, u li jħalli l-pittura tieħu n-nifs, li hija l-aktar ħaġa importanti. Iż-żebgħa tal-ħajt tal-koppla saret ukoll mill-ġdid u ġiet ukoll studjata biex immorru għall-kuluri oriġinali li kienet impittra l-koppla bihom.

Għalina l-pittura hija meravilja. Huwa xogħol dettaljat ħafna li ħasra li mill-bogħod ma jitgawdiex. Jidher ukoll li Conti kkopja ritratti ta' tfal li kienu jgħixu f'dak iż-żmien u pittirhom f'puttini li jinsabu fil-koppla.

Nirringrazzjakom talli smajtuni. Nirringrazzja ħafna lill-Arċipriet u l-Kapitlu tal-Kolleġġjata talli lqajtuna hawnhekk; lid-Djoċesi ta' Għawdex kif ukoll lill-Ministeru għal Għawdex talli ħadmu ħafna sabiex iġibu l-fondi meħtieġa; lil Noel Formosa; lil Gabby Mallia; lil Dr Mark Sagona, li kien il-kordinatur tal-proġett; lil Joseph Zammit, il-fotografu, li ddokumenta l-proċess kollu tar-restawr permezz tal-fotografija; u lit-tim kollu li ħadem, li ma setgħux ikunu magħna llejla għax kollha qegħdin l-Italja għall-vaganzi.

Grazzi u s-Sena t-tajba.

Fid-dawl tar-restawr li għadu kemm sar fuq il-pitturi sbieħ tal-Koppla tal-Bażilika tagħna, li għandhom suġġett hekk uniku fit-tifsira teoloġika-simbolika tiegħu, minn din il-ħarġa qed nippubblikaw f'partijiet artiklu xjentifiku miktub apposta mill-biblista Patri Martin Micallef OFMCAP li jgħinna nifhmu t-tifsira iktar profonda ta' dawn ix-xbihat.

# "Ir-Rebbieħ" fil-Ktieb tal-Apokalissi (1)

## Imfisser fil-pittura tal-Koppla tal-Bażilika ta' San Ġorġ f'Għawdex

Rev. Dr Martin Micallef OFMCAP

Fl-Eżortazzjoni appostolika *Il-Ferħ tal-Evanġelju* l-Papa Franġisku jitkellem fuq dik li hu jsejħilha *via pulchritudinis* – triq il-ġmiel – u jgħid illi "li nxandru lil Kristu jfisser nuru illi li temmen fih u timxi warajh mhix biss [hija] ħaġa sewwa u xierqa, imma anki sabiħa… [F'dan il-kuntest], l-espressjonijiet kollha ta' ġmiel veru nistgħu nħarsu lejhom bħala triq li tgħinna niltaqgħu mal-Mulej Ġesù".[1] Il-Papa Franġisku mbagħad ikompli jispjega illi "għalhekk hu meħtieġ li l-formazzjoni fil-*via pulchritudinis* tkun tagħmel parti mit-trażmissjoni tal-fidi",[2] filwaqt li jħeġġeġ illi "kull Knisja partikulari [għandha] tippromovi l-użu tal-arti fil-ħidma tagħha ta' evanġelizzazzjoni".[3] Il-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II diġà kien tkellem fuq dan meta fl-ittra indirizzata lill-artisti miktuba fl-1999 huwa jafferma li "sabiex tkun tista' tikkomunika l-messaġġ afdat lilha minn Kristu, il-Knisja għandha bżonn l-arti. L-arti jeħtieġ li tagħmel perċettibbli, u kemm jista' jkun attraenti, id-dinja tal-ispirtu, ta' Alla inviżibbli".[4]

Dan il-kliem donnu li jitlaħħam quddiemek hekk kif tidħol fil-Bażilika ta' San Ġorġ f'Għawdex u tħares 'il fuq lejn il-pittura tal-koppla li għadha kemm ġiet irrestawrata.[5] It-tmien kwadri fil-flieli tal-kustilja ta' din il-koppla juru kif il-ħila artistika tal-pittur Taljan Gian Battista Conti waslet biex tesprimi l-messaġġ teoloġiku ewlieni tal-Ktieb tal-Apokalissi.

**Il-qdusija ta' Alla**

F'dan l-aħħar ktieb tal-Iskrittura tispikka ħafna t-tema tal-qdusija ta' Alla li tiġi enfasizzata permezz tad-dehra tat-tron fis-Sema li ra l-awtur li jidentifika lilu nnifsu bl-isem ta' Ġwanni. Ladarba l-Mulej Alla hu qaddis, dan jitlob li l-poplu tiegħu wkoll ikun qaddis. Il-qaddisin li jirrappreżentaw il-poplu veru ta' Alla għalhekk huma msejħin f'dan il-ktieb bħala dawk li "jħarsu l-preċetti ta' Alla u l-fidi f'Ġesù" (Apok 14:12). Huma dawn li ser ikunu jifilħu jieqfu lill-bhima. L-awtur iqis lil dawn l-Insara bħala armata kbira ta' 144,000 meħlusa mill-Ħaruf (14:1-5). L-awtur tal-Apokalissi jesprimi dan kollu permezz ta' lingwaġġ u xbihat meħuda mit-Testment il-Qadim u applikati għall-Knisja bħala l-poplu l-ġdid ta' Alla.[6]

Numru ta' studjużi jargumentaw li, kuntrarju għall-interpretazzjoni tradizzjonali tal-Apokalissi, il-problema ewlenija li kienu qed jaffaċċjaw il-komunitajiet Insara li għalihom kien qed jikteb l-awtur ma kinetx il-persekuzzjoni uffiċjali min-naħa tar-Rumani – għalkemm xi oppressjoni 'l hawn u 'l hemm aktarx li kienet possibbli.[7] Minflok, l-akbar theddida għall-maġġoranza ta' dawn il-knejjes kienet it-tentazzjoni li joħolqu kompromess mal-kultura dominanti Rumana[8] li kienet marbuta mal-kult imperjali ta' diversi allat tradizzjonali.[9] Nistgħu nifhmu, mela, kif it-teoloġija ta' dan il-ktieb hija marbuta mal-kuntest soċjali li fih l-awtur kien qed jikteb. Fiż-żmien meta nkiteb dan il-ktieb, il-kult lill-Imperatur Ruman ma kienx sempliċiment xi ħaġa reliġjuża, imma kien att marbut mal-politika u l-ekonomija Rumana. Il-kult Ruman kien iservi ta' propaganda kbira għaliex kull fejn tħares kont issib messaġġi minquxa fil-ġebel u l-metall bħala "aħbar tajba". Li tirrifjuta li tqim l-allat pagani kien ifisser tradiment u ereżija għall-Imperu Ruman.[10]



Kif kellhom l-Insara jwieġbu għall-pressjoni kontinwa tal-forza ta' Ruma? Il-ktieb tal-Apokalissi joħloq barrikati jew marki bejn il-Knisja u d-dinja, bejn l-imperu u l-komunità li temmen f'Ġesù. Din kienet l-isfida kbira li dawn l-Insara kellhom. Huma kienu komunità żgħira f'imperu kbir u b'saħħtu. L-awtur juri kif it-triq tal-qdusija u allura t-triq tar-rebħa hija t-triq tas-salib li magħha kien hemm marbuta l-marka tat-tbatija. Huwa fid-dawl ta' dan li rridu nippruvaw nifhmu u allura napprezzaw kif fi tmiem serje ta' wegħdiet li nsibu fl-Apokalissi, "ir-rebbieħ" – kif inhu msejjaħ f'dan il-ktieb – hu muri bħala xhud fidil ta' Ġesù. Sebgħa huma l-wegħdiet magħmula lil dan ir-rebbieħ, wegħdiet li lkoll jidhru orjentati lejn ir-realtà futura li deskrizzjoni tagħha nsibuha lejn tmiem dan il-ktieb. Il-Prof. Conti jesprimi dawn il-wegħdiet lir-rebbieħ tal-Apokalissi permezz tal-pittura mill-isbaħ li ssebbaħ il-koppla tal-Bażilika ta' San Ġorġ f'Għawdex. Permezz ta' dawn it-tmien pitturi tiegħu Conti interpreta l-figura ta' San Ġorġ martri bħala "r-rebbieħ" li jissemma fl-Apokalissi u li lilu jiġu mwiegħda numru ta' barkiet.

**1. Ir-Rebbieħ fuq żiemel abjad, bil-qaws u l-kuruna**

Fid-dawl ta' dan nistgħu napprezzaw aħjar kif fl-ewwel felli tal-koppla Conti jiġi ispirat minn dak li nsibu f'Apok 6:2 fejn naqraw hekk: *"U jien ħarist, u ara, ġie żiemel abjad, u dak li kien riekeb fuqu kellu qaws, u ngħatatlu l-kuruna; u ħareġ hu, rebbieħ, biex ikompli jirbaħ".*

Il-kapitlu 6 tal-Apokalissi li minnu hija meħuda din is-silta nistgħu nqisuh bħala l-bidu ta' ġlieda qaddisa jew inkella pjuttost eskatoloġika, hekk kif dan il-kiteb jintroduċi l-ġlieda bejn iż-żewġ sovranitajiet ewlenin: id-dinja (simbolu tal-ħżiena) u s-Sema (simbolu tat-tajbin). Is-silta tambjenta ruħha fil-mument li fih jinfetħu s-siġilli li magħhom iġibu serje ta' kastigi (ara 6:1-8:1). Il-ftuħ tas-siġilli huwa xogħol il-Ħaruf: din hi xi ħaġa li hu biss seta' jagħmel u għalhekk dan il-ġest hu meqjus bħala wieħed ta' rivelazzjoni. L-ewwel erba' siġilli li nistgħu neħduhom f'daqqa jiddistingwu ruħhom mill-aħħar tlieta. Mal-ksur ta' kull wieħed mill-ewwel erba' siġilli, wieħed mill-erba' ħlejjaq ħajjin quddiem it-tron ta' Alla jikkmanda: "Ejja". Bi tweġiba għal din l-għajta jitfaċċa żiemel u rikkieb fuqu. Is-seba' siġill imbagħad ma jissemmiex qabel il-kapitlu 8.

Fit-tkissir tal-ewwel siġill wieħed mill-erba' ħlejjaq ħajjin isejjaħ l-ewwel rikkieb li kien fuq żiemel abjad. Lil dan ir-rikkieb li f'idejh kien qed iġorr qaws tiġi mogħtija kuruna u lilu jiġu attribwiti rebħiet bla għadd (6:2). Jidher li hawnhekk l-awtur tal-Apokalissi kien influwenzat minn materjal meħud mill-ktieb tal-profeta Żakkarija, fejn il-profeta jiġi muri erbat irġiel fuq żwiemel ta' kuluri differenti: "Dawn huma dawk li l-Mulej bagħathom biex jiġġerrew 'l hawn u 'l hemm fuq l-art" (Żak 1:10) u li jirritornaw sabiex jirrappurtaw li d-dinja kienet fil-kwiet. Żakkarija jissuġġerixxi l-kulur ta' kull wieħed mill-erba' żwiemel, għalkemm dan aktarx jagħmlu bla ebda sinifikat partikulari. Mhux hekk iżda nistgħu ngħidu għall-awtur tal-Apokalissi, li jbiddel il-funzjoni ta' dawn l-erba' rikkieba u żwiemel sabiex jippreżentahom fi qbil mal-għan tal-kitba tiegħu. Fil-fatt, fl-Apokalissi dawn iż-żwiemel jikkorrispondu għall-karattru tar-rikkieb u jissimbolizzaw rebħa (abjad), tixrid tad-demm (aħmar), skarsezza (iswed) u mewt (aħdar jagħti fl-isfar).[11]

L-identità tal-ewwel rikkieb fuq żiemel abjad ħolqot diskussjoni kumplessa fost l-istudjużi tal-Apokalissi. Fuq liema naħa jinsab dan ir-rikkieb: fuq in-naħa ta' Alla jew fuq in-naħa tax-xitan? Interpretazzjoni li tmur lura tal-inqas għal Sant'Irinew[12] (tard fit-tieni seklu) tidentifika lir-rikkieb ma' Kristu u allura mar-rebħa, filwaqt li ż-żiemel abjad hu identifikat mal-progress fir-rebħa tal-Evanġelju li l-ewwel jeħtieġ jixxandar qabel il-ġudizzji fuq l-art (ara Mk 13:10; Mt 10:23). Biex isaħħu din il-pożizzjoni, xi kummentarji jirreferu għal dak li naqraw f'Apok 19:11 fejn mill-ġdid niltaqgħu ma' żiemel abjad u rikkieb u li jiġi msejjaħ "Fidil u Veru".[13] Oħrajn jargumentaw li l-identifikazzjoni tar-rikkieb fil-kapitlu 19 mal-persuna ta' Kristu ssegwi mill-v. 13 fejn huwa jissemma bl-isem "il-Kelma ta' Alla", u mill-v. 16 fejn fuq ħwejġu u fuq koxxtu għandu miktub l-isem: "Sultan tas-slaten u Sid tas-sidien".[14]

Interpretazzjoni prominenti oħra taż-żiemel l-abjad u r-rikkieb li kien hemm fuqu hija li dawn jissimbolizzaw l-ispirtu tar-rebħa u l-militariżmu.[15] Din l-interpretazzjoni tinbena l-aktar fuq ir-referenza għall-qaws li r-rikkieb f'6:2 kellu f'idejh. Fit-Testment il-Qadim il-qaws huwa simbolu tal-qawwa militari, hekk li l-Mulej itenni lill-profeta Hosegħa: "Meta jasal il-jum inkisser il-qaws ta' Iżrael fil-wied ta' Ġeżragħel" (1:5). Hekk ukoll fil-ktieb ta' Ġeremija naqraw kif il-gwerriera tal-Babilonja għad jinqabdu u "(jit)kissru l-qwies tagħhom" (51:56). Xi wħud mill-istudjużi jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li l-qaws kien l-arma tal-imperu li kien hemm fuq ix-xifer tal-Lvant tal-Mediterran, magħruf bħala tal-*Parthians*, u li kien



theddida għal Ruma.[16] Il-*Parthians* kienu l-aktar arċiera famużi fl-antikità, filwaqt li ż-żwiemel bojod kienu l-marka tagħhom.[17]

Tajjeb li nżidu wkoll li r-referenza għall-"qaws" f'Apok 6:2 hija l-unika waħda li nsibu fit-Testment il-Ġdid kollu. Jekk se nikkunsidraw il-qaws hawnhekk bħala arma li setgħet tintuża f'każ ta' attakk waqt gwerra, irridu nissopponu li hemm ukoll il-vleġeġ. Dawn iżda ma jissemmewx fit-test, u l-assenza tal-vleġeġ tista' tissuġġerixxi interpretazzjoni alternattiva. Fil-fatt, il-kelma bil-Grieg għal qaws f'din is-silta hija *toxon*. Din hija l-istess kelma li tintuża fil-wegħda ta' Alla ma' Noè wara d-dilluvju (ara Ġen 9:13 LXX) b'referenza għall-"qawsalla" li mmarkat it-tmiem tad-dilluvju bħala sinjal ta' paċi bejn Alla u l-bniedem.

Xi studjużi għalhekk jissuġġerixxu li l-użu ta' din il-kelma f'Apok 6:2 għandu jinqara fid-dawl ta' dak li naqraw f'Apok 4:3 fejn tissemma l-"qawsalla" fuq it-tron ta' Alla, anki jekk hawn jintuża t-terminu bil-Grieg *iris*. F'dan il-każ, l-għan ta' dan il-qaws/qawsalla m'għandux x'jaqsam mal-gwerra, iżda pjuttost mat-twaqqif ta' Patt.[18] Il-fatt

li Kristu qed iżomm qaws ifisser il-fedeltà tiegħu lejn il-Missier u lejn id-dinja, possibbilment bħala patt ġdid[19] li kien qed jagħmel mal-umanità fuq l-eżempju ta' dak li kien ġara fi żmien Noè.

Għalkemm f'dan il-każ, mela, ir-rikkieb nissopponu li hu Kristu inkarnat, fil-pittura tal-ewwel felli tal-koppla l-Prof. Conti applika t-test f'Apok 6:2 għal San Ġorġ, b'mod illi hawn huwa jippreżenta lil dan il-qaddis martri riekeb fuq żiemel abjad (bil-Grieg *leukos*), il-kulur tar-rebħa (ara Apok 2:17; 3:5).[20] Fid-dawl ta' Apok 6:2, il-pittur jurina lil San Ġorġ li qed tingħatlu *kuruna* (bil-Grieg *stefanos*), simbolu tal-bniedem rebbieħ, filwaqt li f'idu tax-xellug għandu l-qaws li jissemma wkoll fl-istess test bibliku.

**2. Ir-rebbieħ u l-manna l-moħbija u ċ-ċagħka bajda b'isem ġdid**

Fit-tieni felli tal-koppla, il-Prof. Conti mbagħad jidher li kien ispirat minn dak li naqraw f'Apok 2:17: *"Lir-rebbieħ nagħtih mill-manna l-moħbija, u nagħtih ukoll ċagħka bajda, b'isem ġdid minqux fuqha li ħadd ma jkun jafu ħlief min jirċeviha".* Dan il-kliem jagħmel parti minn dak li l-anġlu jtenni lill-Knisja f'Pergamu,[21] il-kapitali tar-reġjun, li bħal Korintu u Ateni kellha akropoli kbir b'tempji differenti, bħal dak iddedikat lil Zeus u lil Asclepios, l-alla tal-fejqan.[22]

F'din it-taqsima tal-Apokalissi naqraw li Kristu Ġesù jsejjaħ lill-Insara għal-lealtà lejn ismu anki meta ċertu Antipa,[23] li jissemma hawn biss, kien ġie maqtul minħabba l-fidi tiegħu. Minn dak li naqraw jidher li xi wħud minn dawn l-Insara kienu qed iżommu mat-tagħlim ta' Balgħam (ara Apok 2:14). Ir-referenza għal Balgħam aktarx li m'għandniex nifhmuha bħala l-isem proprju ta' xi persuna, iżda pjuttost bħala isem mogħti lil dan il-persunaġġ minħabba l-karattru tal-azzjonijiet tiegħu (ara Num 22-24). Ġwanni jarah bħala profeta falz li kien qed iqarraq bil-poplu permezz tal-immoralità u l-idolatrija (Num 31:16) assoċjati mal-"ikel bħala idolu". Filwaqt li s-segwaċi ta' Balgħam kienu qed jipprostitwixxu ruħhom billi kienu qed jieklu laħam issagrifikat lill-idoli, lir-"rebbieħ" fl-Apokalissi tiġi mwiegħda "l-manna l-moħbija", jiġifieri ħobż li s'issa mhuwiex viżibbli u li jiġi mis-Sema. Mela aktar milli xi festa pagana, hawn għandna l-wegħda ta' xi ħaġa li tibqa' u li tissodisfa.

Hawnhekk għandna allużjoni ċara għall-Eżodu (ara Eż 16), għalkemm ir-referenza preċiża għall-manna *moħbija* tindika realtà spiritwali li tibqa' moħbija minn Iżrael. Il-manna kienet l-ikel mogħti lill-poplu ta' Iżrael fil-mixja tagħhom fid-deżert lejn l-Art Imwiegħda. L-idea tal-manna moħbija mwiegħda lir-rebbieħ f'Apok 2:17 tirrifletti tradizzjoni Lhudija fejn ir-reċipjent bil-manna fih, imħares fl-Arka bħala tifkira għall-ġenerazzjonijiet futuri (Eż 16:32-34; ara Lhud 9:4), kien ittieħed minn Ġeremija fi żmien il-qerda tat-Tempju ta' Salamun u ħbieh taħt l-art (2 Mak 2:4-7). Hemm kellu jibqa' sakemm jiġi l-Messija u meta Ġeremija kellu jirritorna l-Arka u l-kontenut tagħha għat-Tempju ġdid messjaniku f'Ġerusalemm.[24]

Studjużi oħra[25] jargumentaw li l-manna li tissemma f'Apok 2:17 hija referenza għat-teżor tal-manna li f'Salm 78:25 hu msejjaħ "il-ħobż tal-anġli" u li kellu jinżel mis-Sema fi żmien is-saltna messjanika sabiex jitma' lill-imberkin.[26] Fuq kollox, il-wegħda għall-manna moħbija tidher qrib ħafna għal dak li naqraw fi Ġw 6:31-58, fejn Ġesù jiddeskrivi lilu nnifsu bħala l-ħobż ħaj nieżel mis-Sema, u allura joħloq kuntrast bejnu u bejn il-manna. Il-manna Nisranija jeħtieġ




li tkun Kristu Ġesù stess, li wiegħed li jagħti lilu nnifsu bħala ikel (l-Ewkaristija) lil dawk kollha li jirbħu.[27]

Mal-manna, lir-rebbieħ tal-Apokalissi tiġi mwiegħda wkoll iċ-"ċagħka l-bajda". Huma bosta l-interpretazzjonijiet tat-tifsira ta' din il-wegħda.[28] Din iċ-ċagħka setgħet kienet isservi bħala oġġett ta' fortuna sabiex tkeċċi l-ħażin.[29] Studjużi oħra jaraw hawn referenza għall-ġebla li kien ikun hemm fuq il-pjanċa (ara Eż 28:30).

Il-prattika tal-ismijiet miktuba jew minquxa fuq il-ġebel tidher fid-deskrizzjoni tal-efod li kienet tintlibes fuq sider il-Qassis il-kbir. L-efod kien speċi ta' fardal irrakkmat marbut fuq quddiem u miżmum 'il fuq minn żewġ żigarelli (ara Eż 28 u 39) u li fuqu kien ikollu żewġ ġebliet prezzjużi tal-oniċi. Fuq dawn il-ġebliet kien ikun hemm miktubin, sitta għal kull ġebla, l-ismijiet tat-tnax-il tribù (ara Eż 28:9-10; 39:8).[30]

Oħrajn imbagħad jinterpretaw it-tifsira ta' din il-ġebla bajda bħala *tessera* li kellha sservi biex biha wieħed seta' jidħol għal xi festa jew biex jivvota f'xi ġuri,[31] filwaqt li oħrajn iqisu din iċ-ċagħka bħala stedina mnaqqxa għall-ikla

messjanika.[32] Studjużi oħrajn jitkellmu fuq l-imperaturi Rumani li kienu jqassmu biċċiet ta' njam jew ġebel żgħir lill-fqar f'Ruma sabiex iserrħu rashom li kien hemm provista regolari ta' ikel.[33] Dawn l-oġġetti kienu jingħataw ukoll lir-rebbieħa fil-ġlied tal-gladjaturi wara li kienu jirbħu l-ammirazzoni tal-pubbliku.[34] Studjużi oħra jqisu r-referenza għaċ-ċagħka l-bajda bħala terminu li probabbilment jirreferi għaċ-ċagħak li kien jintuża għall-kalkolu (bil-Latin *calculos*). F'dan il-każ, iċ-ċagħka tikkorrispondi ma' numru u allura ma' ittra jew isem.[35] Il-bjuda tal-ġebla msemmija probabbilment tindika li din tappartieni għal dawk il-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' Alla jew bħala simbolu tar-rebħa tal-fidi tagħhom.[36]

L-istudjużi lanqas ma jaqblu bejniethom dwar l-identità tal-"Isem ġdid" li kellu jingħata lil dak li jingħata wkoll iċ-ċagħka bajda. Xi wħud iżommu li dan l-isem jirreferi għall-isem ta' Kristu. Dawn li jżommu ma' din il-pożizzjoni ħafna drabi huma wkoll dawk li jinterpretaw il-ġebla bajda bħala oġġett ta' fortuna. Dan minħabba li fl-antikità kien hemm it-twemmin li tagħrif sigriet ta' isem ta' xi alla kien jagħti qawwa speċjali.

L-isem ġdid aktarx li hu referenza għall-isem ta' dawk li jirbħu. Ħadd ħliefhom ma seta' jkun jaf xi tfisser l-esperjenza ta' bidla tal-fedeltà fit-tiġrib tagħhom u l-ferħ meta jidħlu għat-tieġ tal-Ħaruf. L-isem "ġdid" fil-kwalità jixraq liż-żmien ġdid.[37] L-isem ġdid għalhekk jimplika identità ġdida jew li tkun xi ħadd speċjali fis-saltna. L-isem ifisser karattru, identità. Imma f'dan il-kuntest tal-Apokalissi l-identità tinkiseb mit-tbatija għall-isem ta' Kristu. Hekk hu muri Antipa "x-xhud fidil" (Apok 2:13), li ġie maqtul biex jagħti xhieda għall-isem ta' Ġesù (ara 1:5). L-isem ġdid għalhekk jissimbolizza "ħajja ġdida"[38] mogħtija minn Kristu lir-rebbieħ, li hu biss jista' jirċeviha (ara 14:3).

Il-Prof. Conti jidher li interpreta dan it-test mill-Apokalissi f'dan id-dawl meta fit-tieni felli tal-koppla jippreżentalna lil San Ġorġ għarkupptejh quddiem il-figura ta' Kristu li hu wieqaf u li qed jagħti lill-qaddis martri ċ-ċagħka l-bajda u kalċi bil-manna.

*...jissokta fil-ħarġa li jmiss*

**Riferenzi**

1 Il-Papa Franġisku, Eżortazzjoni appostolika *Evangelii gaudium = Il-Ferħ tal-Evanġelju*, trad. Francesco Pio Attard, Malta 2014, 167.

2 Ibid.

3 Ibid.

4 Ġwanni Pawlu II, "Lettera agli artisti", 4 aprile 1999, f'*Insegnamenti di Giovanni Paolo II*, vol. 22, n. 1 (Gennaio-Giugno 1999), Vaticano 2002, 719, 13.

5 Fuq id-dettalji tal-bini u r-restawr ta' din il-koppla ara Francesco Pio Attard, "Sebgħin sena wara l-kxif tagħha: Il-koppla monumentali tal-Bażilika ta' San Ġorġ f'Għawdex lura għall-glorja oriġinali tagħha", f'*Il-Leħen,* 05/01/2020, 7.

6 Darbtejn, ngħidu aħna, il-Knisja hija identifikata bħala "saltna" u "qassisin" (ara Apok 1:6; 5:10), lingwaġġ li jintuża biex jesprimi l-Patt li Alla għamel mal-poplu tiegħu kif naqraw f'Eż 19:5-6. F'dan il-Patt, il-Mulej Alla jagħżel għalih lil Iżrael minn fost in-nazzjonijiet l-oħra u jsejħilhom "nazzjon qaddis".

7 Ara iżda Apok 2:10: "Tibżax minn dak li se jkollok issofri; ara, id-Demonju se jixħet 'il xi wħud minnkom fil-ħabs biex iġarrabkom, u intom tgħaddu minn għaxart ijiem ta' taħbit". Ara wkoll f'3:10 fejn naqraw: "Talli int ħarist it-tagħlim tiegħi dwar is-sabar, jiena wkoll inħares lilek mis-siegħa tat-tiġrib li ġejja fuq id-dinja kollha biex iġġarrab lil kull min jgħammar fl-art".

8 Fuq dan il-punt ara David A. deSilva, *The Hope of Glory: Honor Discourse and New Testament Interpretation*, Collegeville 1999, 179-182; ara wkoll G.K. Beale, *The Book of Revelation*, NIGTC/Grand Rapids 1999, 28-33.

9 Ara Wes Howard-Brook–Anthony Gwyther, *Unveiling Empire: Reading Revelation Then and Now*, Maryknoll, N.Y. 2001, 102-111, 115-118. Ara wkoll David A. deSilva, "The Social Setting of the Revelation to John: Conflicts Within, Fears Without", f'*Westminister Theological Journal* 54 (1992), 286-296.

10 Howard-Brook–Gwyther, *Unveiling Empire*, 238.

11 Ara Robert H. Mounce, *The Book of Revelation: Revised. The New International Commentary on the New Testament*, Grand Rapids, Michigan/Cambridge 1998, 140. Filwaqt li din il-viżjoni ta' Ġwanni fl-Apokalissi tikkorrispondi ma' dik ta' Żakkarija, is-suġġett jikkorrispondi mad-diskors eskatoloġiku ta' Ġesù fl-Evanġelji Sinottiċi. San Luqa jikteb dwar gwerer u taqlib, nazzjon li jqum kontra nazzjon ieħor, terremoti, ġuħ, mard, u sinjali kbar mis-sema u persekuzzjoni (ara Lq 21:9f; ara Mk 13:7f). Ara G.A. Krodel, *Revelation. The Augsburg Commentary on the New Testament*, Minneapolis 1989, 170.

12 *Adversus Hæreses* 4:21, 3.

13 Kummentarji oħra iżda jippreżentaw argumenti kontra l-identifikazzjoni ta' Kristu bħala r-rikkieb taż-żiemel abjad. Dawn juru li meta nqabblu l-kapitlu 6 mad-19 tal-Apokalissi naraw li ż-żewġ rikkieba ftit li xejn għandhom komuni minbarra l-fatt li t-tnejn huma riekba fuq żiemel abjad. F'Apok 6:2 ir-rikkieb liebes kuruna tar-rebbieħa u qed iġorr qaws; f'Apok 19:1f huwa inkurunat b'ħafna kuruni u armat b'xabla taqta' li ħierġa minn ħalqu. Il-kuntest ta' Apok 6:2 huwa wieħed ta' rebħa, filwaqt li dak ta' Apok 19:1 huwa wieħed ta' retribuzzjoni ġusta. Ara Mounce, *The Book of Revelation*, 140. Xi wħud hawnhekk iżommu li l-ewwel rikkieb fuq iż-żiemel l-abjad hu fuq in-naħa tax-xitan, fejn skont dak li naqraw f'Eżek 39:3, l-aħħar għadu tal-poplu ta' Alla kellu jġorr il-qaws u l-vleġeġ. Ara wkoll Ġer 4:29; 6:23; Apok 20:7. Skont dawn l-interpretazzjonijiet, dan ir-rikkieb huwa xbieha tal-Antikrist li jidher taħt diversi modi fl-Apokalissi, bħal ngħidu aħna fix-xbieha tal-bhima f'Apok 11:7; 13:17. Il-kulur abjad hu kulur li bih jipprova jqarraq billi jipprova jimita lil Alla u lil Kristu. Il-kuruni li jissemmew hawnhekk fil-fatt jitqiegħdu kemm fuq l-irjus tat-tajbin u kemm tal-ħżiena (ara Apok 12:1.2). Għal din il-pożizzjoni ara l-argumenti f'J.Massyngberde Ford, *Revelation: A New Translation with Introduction and Commentary. The Anchor Bible*, New York/London 1975, 104-105.

14 Ara Mounce, *The Book of Revelation*, 140.

15 Ara Edmondo F. Lupieri, *A Commentary on the Apocalypse of John*, trad. Maria Poggi Johnson u Adam Kamesar, Grand Rapids, Michigan/Cambridge 1999, 142.

16 Ara Joseph L. Mangina, *Revelation. SCM Theological Commentary on the Bible*, London 2010, 100.

17 Nafu li fis-sena 62 WK Vologeses kien rebaħ rebħa bla mistennija fuq l-armata Rumana. Ara Ben Witherington III, *Revelation. The New Cambridge Bible Commentary*, Cambridge 2003, 133. Ara wkoll C. Keener, *Revelation. The NIV Application Bible Commentary*, Grand Rapids/Michigan 2002, 202.

18 Ara Lupieri, *A Commentary on the Apocalypse of John*, 142.

19 Ara Mangina, *Revelation*, 100,

20 Ara Wilfrid J. Harrington, *Revelation. Sacra Pagina* 16, Collegeville/Minnesota 1993, 90-91.

21 Ara Mounce, *The Book of Revelation*, 82.

22 Witherington, *Revelation*, 102.

23 Hu impressjonanti kif dan Antipa hu mogħti l-isem ta' Ġesù, "ix-xhud fidil" (Apok 2:13).

24 Ara Mounce, *The Book of Revelation*, 82.

25 Ara R.H. Charles, *The Revelation of St. John. The International Critical Commentary*, Edinburgh 1920, 1:65.

26 Ara Mounce, *The Book of Revelation*, 82, n. 32.

27 Ara Lupieri, *A Commentary on the Apocalypse of John*, 121.

28 Ara d-diskussjoni f'C.J. Hemer, *The Letters to the Seven Churches of Asia in their Local Setting*, Sheffield 1986, 96-97.

29 Ara Mounce, *The Book of Revelation*, 82.

30 Ara ibid., 83.

31 Ara Keener, *Revelation*, 126.

32 Witherington, *Revelation*, 104.

33 Suetonius, *Aug.* 40.2; 42.3.

34 Ara Mounce, *The Book of Revelation*, 83.

35 Lupieri, *A Commentary on the Apocalypse of John*, 122.

36 Ara ibid., 121.

37 Ara Mounce, *The Book of Revelation*, 83.

38 Harrington, *Revelation*, 62.

# Ta' bla ħsieb jirnexxi!

## Il-mawra tal-Kor Laudate Pueri f'Londra għall-Malta Day 2019

Il-Kan. George J. Frendo



Jgħidu li ta' bla ħsieb jirnexxi. Din id-darba rnexxa żgur… u kif!

Jien mhux minn dawk li ħaġa ma jaħsbulhiex minn qabel. Anzi, bil-maqlub. Tendenzjalment meta titfaċċa xi ħaġa ta' ċertu impenn li tkun titlob deċiżjoni immedjata, in-natura tgħidli nżomm lura iktar milli nintefa' bl-addoċċ. Dan qaddisi. Iżda din id-darba allaħares ma ntfajtx għax kien jibqa' jiddispjaċini "sal-mewt", kif is-soltu jgħidu. Naturalment kieku ma lqajtx ix-xoqqa f'moxtha lanqas kont inkun naf xi tlift! U miegħi ħafna oħrajn! Qed nirreferi għall-Kor Laudate Pueri!

U x'kienet il-biċċa? Għall-ħabta ta' nofs Marzu rċivejt email mingħand Deborah Borg, membru tal-kor u uffiċjal fil-Kummissjoni Għolja f'Londra, bi stedina mingħand l-E.T. Joseph Cole biex nitilgħu nkantaw waqt iċ-ċelebrazzjoni li tikkommemora l-Malta Day fil-Katidral ta' Westminster fis-7 ta' Settembru. L-ewwel reazzjoni kienet li nħalluha. Meta kkunsidrajt li prattikament sa Marzu kulħadd ikun ilu li ħaseb fejn se jsiefer fis-sajf ħsibt li iktar probabbli li jirnexxi x-xogħol kieku nissuġġerixxi li nitilgħu nkantaw fis-sena 2020 jekk jaċċettawna.

Nerġa' ngħid, allaħares imxejt fuq l-ewwel reazzjoni. Malli bgħatt nikkonsulta mal-membri tal-kor *'in giornata'*, kif jgħidu bit-Taljan, biex nara naqra r-riħ fejn kien qed jonfoħ, ir-rispons kien 'l hemm minn kull aspettattiva! Mhux riħ kien qed jonfoħ, imma riefnu! U x'riefnu! Kulħadd wieġeb f'temp ta' kwarta! Kulħadd għal Londra. U meta ngħid kulħadd, infisser kulħadd! Spiċċajna 'l fuq minn tmenin ruħ bejn kor u akkumpanjaturi! Ngħid għalija, indunajt kemm konna nies f'Westminster wara l-Pontifikal Solenni ppresedut b'mod mill-aktar dinjituż mill-Kardinal Prospero Grech OSA li baqa' ammirat bis-sbuħija tal-kant u ma żammx lura milli juri l-apprezzament tiegħu lejn il-kor billi qabel il-barka tal-aħħar faħħar il-kant u stqarr li l-kor kien il-*highlight* assolut taċ-ċelebrazzjoni fost l-applaws tal-kongregazzjoni preżenti. Ma ridtx nemmen lil għajnejja meta rajt nies li telgħu apposta għaċ-ċelebrazzjoni biex jisimgħuna nkantaw. Nistqarr li kont emozzjonat u ndunajt kemm fil-fatt il-kant tal-kor qed iħalli impatt fil-qalb u l-moħħ ta' ħafna. Biex titla' Londra biex tismagħna nkantaw mhux ċajta! Almenu hekk inqisha jien. U mhux jien biss.

Fl-aħħar mill-aħħar għalhekk qed inkantaw. L-iskop dejjem kien li l-kant tagħna jkun għall-akbar glorja ta' Alla u għall-edifikazzjoni tal-assemblea liturġika. Għal dan il-għan il-kor kien introduċa l-kant polifoniku waqt il-liturġija fuq l-istil tal-hekk imsejħa *Schola Romana* kif ipprattikat mill-Kor tal-Cappella Sistina partikolarment taħt it-tmexxija ta' Domenico Bartolucci. Dan l-istil jipprivileġġja t-test sagru b'mod li kull kelma toħroġ fis-sbuħija kollha tagħha. Dan l-istil sar jidentifika lill-kor tagħna. Ċertament li fil-Katidral ta' Westminster ħareġ stupend. Id-dimensjonijiet tal-katridal huma impressjonanti u joħolqu sens ta' biża' li l-kant ikun diffiċli li jinstema'. Iżda hu proprju l-kuntrarju. Il-post wara l-altar maġġur li s-soltu jokkupa l-kor famuż tal-katidral hu propizju għall-aħħar biex tkanta minnu. M'hemm bżonn li tagħmel l-ebda sforz addizzjonali biex tkanta. Il-ħoss joħroġ bi sbuħija kbira. Naturalment jekk il-vuċijiet ikunu sbieħ! Għall-grazzja ta' Alla s-sbuħija tat-timbru tal-kor m'hemmx għalfejn insemmiha jien, għax kulħadd jaf iċ-ċarezza, il-ħlewwa u l-intonazzjoni eżemplari li bihom dejjem kien imżejjen il-kor. U dan ngħidu mhux bi ftaħir, iżda għax hekk hu. Kien ta' pjaċir kbir għalina li kantajna l-meravilja ta' kompożizzjoni tal-maħbub Joseph Vella, il-*Missa Brevis op. 40* li hu kien ikkompona speċifikament għas-sezzjoni femminili tal-kor, li tant kien jammira l-*blend* eċċezzjonali tal-vuċijiet naturali sbieħ bla ebda sens ta' teatralità. Hu kien idderieġa l-*premiere* tagħha f'Malta waqt kunċert fil-Konkatidral ta' San Ġwann. L-ewwel darba li kienet tkantat kien waqt il-Pontifikal tal-Milied tas-sena 1984 ippresedut mill-mibki u qatt minsi l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Dakinhar il-*Kyrie* ma kinitx tkantat għax kien hemm magħmudija waqt il-quddiesa u għaldaqstant inqabżet. Jekk xejn, din il-kompożizzjoni hi turija tal-kapaċità straordinarja li kellu s-Surmast





Vella għal melodija li tisraq il-qlub u t-teknika raffinata tal-kompożizzjoni, flimkien mal-għarfien tal-kapaċitajiet tal-kor, partikolarment tas-sezzjoni femminili. Żgur li l-*Agnus Dei*, li kull meta kantajnieh dejjem kien *direct hit*, kien il-quċċata tal-grazzja, il-ħlewwa, iċ-ċarezza li huma l-karatteristiċi tal-kor tagħna. U dan ngħidu mhux bi ftaħir, iżda għax hekk hu. Il-kor kanta wkoll motetti sagri ta' Palestrina (*Ave Maria*; *Vulnerasti cor meum*), Perosi (Gradwal), u Bartolucci (*Benedicta sit Sancta Trinitas*; *Ubi caritas et amor*). L-istil ta' interpretazzjoni msemmi aktar 'il fuq jippermetti l-iżvolġiment mill-aktar aġjat fejn kull sezzjoni toħroġ mingħajr ma tispikka u tiżbilanċja l-kor fil-flimkien tiagħu. Dan l-istil hu sinonimu mal-liturġija Kattolika Rumana, tant li dan l-aħħar korijiet stabbiliti Ingliżi ta' denominazzjoni Protestanta li s'issa kienu jkantaw bl-istil Nordiku fl-interpretazzjoni qegħdin jipprovaw jaddottawh. L-Ingliżi jsejħulu l-*continental style*.

Mn'Alla li l-Innu Malti fl-għeluq taċ-ċelebrazzjoni ġie rrekordjat b'mowbajl minn nofs il-knisja! Kien tassew mument emozzjonanti għall-aħħar. Il-kor kanta l-arranġament stupend tal-Innu tas-Surmast Vella għal erba' vuċijiet femminili. Kien ta' sodisfazzjon kbir għalina li l-Kummissjoni Għolja tellgħet bħala *post* fis-sit elettroniku tal-Ambaxxata dan ir-rikording b'sens ta' kburija u apprezzament lejn il-kor li kompla jgħolli mhux bi ftit l-isem ta' Malta f'dan il-qasam. Dan il-*post* ġibed kunsens immedjat minn kullimkien.

Barra minn dan l-impenn ewlieni, il-membri tal-kor u akkumpanjaturi setgħu jgawdu wħud mill-attrazzjonijiet kulturali ta' livell mill-aktar eċċellenti li toffri din il-belt li żgur hi unika għall-varjetà tremenda f'kull qasam. It-temp iffavoriena wkoll u dan iffaċilita s-*sightseeing* u dak kollu li mawra f'Londra ġġib magħha.

Tassew li ta' bla ħsieb jirnexxi!



## Nota dwar sejba ta' fdalijiet Rumani

B'referenza għat-tagħrif li ġibna fil-ħarġa ta' *Il-Belt Victoria*, nru 196, f'paġna 24, dwar sejba ta' fdalijiet Rumani waqt il-bini tat-Teatru Astra fis-snin sittin tas-seklu l-ieħor, nixtiequ nżidu ngħidu li l-frammen misjub minn ta' vaska/funtana ta' rħam jinsab għall-wiri b'mod permanenti fil-Mużew Il-Ħaġar *(ara r-ritratt)* fejn jifforma parti mill-kollezzjoni tal-istess mużew. Dan il-framment kien ġie ġentilment irregalat lill-imsemmi mużew mis-Sur Frank Mizzi, li kien strumentali biex dan l-istess framment ġie salvat u baqa' ppreservat.



*Mill-Arkivju tal-Parroċċa (3)*

# Imwiet traġiċi 1650-2011

Toni Farrugia

Matul dawn l-aħħar ħames snin, bl-għajnuna ta' Alla u ta' ħafna individwi, sar indiċi tal-imwiet kollha bejn l-1615 u l-2018 li huma rrreġistrati fil-parroċċa tagħna. Waqt li kont għaddej, ħadt nota tal-imwiet li seħħew f'ċirkostanzi traġiċi.

Kull mewt traġika hija esperjenza trawmatika għall-qraba tal-mejjet, aktar u aktar jekk ikunu involuti t-tfal. Għalija l-aktar mewt traġika kienet dik tad-29/08/1947, meta mietu missier u żewġt itfal tiegħu bi splużjoni ta' *floating mine*. Imwiet oħra traġiċi kbar kienu dawk tal-01/03/1764 meta għerqu erba' persuni, u tal-15/10/1838 meta għerqu tlieta. Fiż-żewġ każi l-katavri baqgħu ma nstabux.

L-ewwel każ ta' qtil huwa dak ta' Luca Schembri li seħħ fil-21/11/1650. Min jaf jekk dan hux l-ewwel każ ta' qtil f'Għawdex li hu ddokumentat?

Il-kawża tal-mewt ta' ħafna mill-imwiet ta' wara l-1863 (meta beda r-Reġistru Pubbliku) ħadtha mir-rekords ta' dan id-dipartiment, peress li l-istess kawża tal-mewt mhux dejjem kienet imniżżla fir-reġistri parrokkjali.

F'kull każ id-data hija dik ta' meta sar il-funeral, imma nassumi li kienet ukoll id-data tal-mewt, ħlief fil-każijiet fejn il-katavru nstab wara xi jiem. Qabel ma nbena l-isptar il-ġdid (u sintendi qabel ma daħal l-elettriku f'Għawdex), ma kienx hawn friża biex ikunu ppreservati l-katavri, u għalhekk għandi għax naħseb li l-funeral kien isir dakinhar stess tal-mewt, jew l-aktar l-aktar l-għada. Il-kamra mortwarja tal-isptar il-qadim kienet fejn illum hemm l-uffiċini tal-Awtorità tad-Djar fi Triq Enrico Mizzi, ir-Rabat (faċċata tas-Seminarju). Kienet kollha rħam sabiex il-katavru jinżamm kiesaħ kemm jista' jkun.

- Fil-25/06/1650 sar il-funeral ta' Aurelius Vella (età mhux annotata), iben Dominicus, li miet mgħarraq.
- Fit-21/11/1650 sar il-funeral ta' Luca Schembri (età mhux annotata), li miet maqtul.
- Fil-15/10/1651 sar il-funeral ta' Joannes Paulus Zammit (età mhux annotata), li tgħaffeġ minn dar li ġġarrfet fil-*Fego* (Qasam?) San Pawl.
- Fid-29/11/1654 sar il-funeral tal-kjeriku Simeon Apap (età mhux annotata), li miet maqtul.
- Fl-14/05/1656 sar il-funeral ta' Gratius Falzon (età mhux annotata), iben Carolus, li miet mgħarraq.
- Fit-03/05/1660 sar il-funeral ta' Dominicus Pace (età mhux annotata), li miet mgħarraq.
- Fil-11/02/1662 sar il-funeral ta' Joannes Maria Cassar (età mhux annotata). Il-kawża tal-mewt hi rreġistrata bħala *"fu apicato"* (li ma nistax insib naf xi tfisser). Jista' jkun li trid tkun *"fu impiccato"* (kien mgħallaq, forsi għax kien kriminal).
- Fil-15/12/1672 sar il-funeral ta' Paulus Busuttil (età mhux annotata), li nstab mejjet f'għar.
- Fit-28/08/1683 sar il-funeral ta' Domenicus Said (età mhux annotata), li miet wara li waqa' l-baħar.
- Fis-16/11/1684 sar il-funeral ta' Nicolaus Cardona (età mhux annotata), li nstab mejjet f'għadira mtajna.
- Fl-14/07/1688 sar il-funeral ta' Gratius Sultana, ta' 24 sena, iben Dominicus u Maria, li miet wara li waqa' l-baħar.
- Fis-16/10/1688 sar il-funeral ta' Paulus Fenech, ta' 17-il sena, iben Joseph u Clara, li nstab mejjet taħt ġebla kbira.
- Fil-05/12/1703 sar il-funeral ta' Joannes Maria Buttigieg, ta' 50 sena, li nstab mejjet f'xatt il-baħar.
- Fit-18/01/1739 sar il-funeral ta' Philippus Zammit (età mhux annotata), iben Joseph, li nstab mejjet wara bir.
- Fil-31/10/1763 sar il-funeral ta' Antonius Xuereb (età mhux annotata), li x'aktarx miet mgħarraq, għax il-ħwejjeġ tiegħu nstabu fuq ix-xtajta.
- Fl-01/03/1764 sar il-funeral ta' (i) Clara Abela, ta' 45 sena, il-mara ta' Antonius, (ii) Anna Micallef (età mhux annotata), it-tifla ta' Antonius Abela u l-mara ta' Augustinus, (iii) Catharina Sciberras (età mhux annotata), u (iv) Joannes Galea, ta' 45 sena; li lkoll mietu mgħarrqa u l-katavru tagħhom baqa' ma nstabx.
- Fil-11/08/1780 sar il-funeral ta' Dun Antonius Pace, ta' 45 sena, li ma kienx mentalment stabbli. Il-kawża tal-mewt ma hix magħrufa, għax il-katavru tiegħu baqa' ma nstabx, imma x'aktarx li ntilef fuq il-baħar għax kien rikeb dgħajsa żgħira.
- Fit-18/03/1784 sar il-funeral ta' Ignatius Pace, ta' 43 sena, iben Carolus. Il-kawża tal-mewt ma hix magħrufa, imma x'aktarx li għereq peress li kien sajjied u l-ħwejjeġ tiegħu nstabu f'xatt il-baħar.
- Fit-13/06/1788 sar il-funeral ta' Joannes Maria Vella, ta' 60 sena, wara li waqa' l-baħar minn fuq is-sies ta' Ta' Ċenċ.
- Fid-19/03/1789 sar il-funeral ta' Michael Sultana, ta' 60 sena, li għelbitu rasu waqt li kien qed jittawwal minn fuq is-sies Ta' Wied Sansun, limiti ta' Ta' Kerċem; huwa ħabat rasu mal-ġebel tal-istess sies u b'konsegwenza ta' hekk għereq, imma l-katavru tiegħu baqa' ma nstabx. Preżenti għall-inċident kien hemm Joannes Aquilina.
- Fit-22/10/1798 sar il-funeral ta' Paulus Caruana, ta' 65 sena, iben Joseph, li ntlaqat minn balla sparata mis-suldati Franċiżi assedjati fiċ-Ċittadella hekk kif ħareġ mill-Knisja ta' San Ġużepp (li kienet fi Triq San Ġużepp u li twaqqgħet meta twessgħet Pjazza San Ġorġ fl-1954) wara li sema' l-quddiesa.
- Fid-09/07/1801 sar il-funeral ta' Fortunata Farrugia, ta' 5 snin, bint Joseph u Gratia, li għereqt f'bir f'għalqa magħrufa Ta' Żajżra, fil-kuntrada ta' Għajn Ħammimiet, fil-limiti tar-Rabat.
- Fis-07/05/1807 sar il-funeral ta' Joannes Spiteri (età mhux annotata), iben Thomas, li miet mgħarraq u ndifen fil-Knisja ta' San Pawl, Marsalforn.

- Fil-31/05/1826 sar il-funeral ta' Joannes Maria Micallef, ta' 70 sena, iben Georgius, li miet mgħarraq f'Marsalforn.
- Fil-15/10/1838 sar il-funeral ta' (i) Joseph Ferriggi (età mhux annotata), iben Paulus, (ii) Joseph Debono, ta' 40 sena, iben Joannes, u (iii) Joannes Maria Casha, ta' 48 sena, iben Benignus; li lkoll mietu mgħarrqa u l-katavru tagħhom baqa' ma nstabx.
- Fil-01/04/1842 sar il-funeral ta' Antonius Mercieca, ta' 26 sena, iben Michael, li miet mgħarraq u l-katavru tiegħu baqa' ma nstabx.
- Fid-19/04/1843 sar il-funeral ta' Josepha Zahra, ta' 8 snin, bint Franciscus, miż-Żebbuġ, li għerqet f'ġiebja.
- Fit-03/01/1852 sar il-funeral ta' Joannes Maria Attard, ta' 12-il sena, iben Antonius, li miet mgħarraq.
- Fit-02/11/1853 sar il-funeral ta' Michael Angelus Spiteri, ta' 30 sena, iben Joseph, li miet wara li waqa' mis-sies magħruf bħala [Ta'] San Pawl.
- Fis-16/08/1873 sar il-funeral ta' Benignus Vella, ta' 44 sena, iben Coronatus u Ursola Buttigieg, ir-raġel ta' Maria Saliba, mix-Xewkija, li nstab maqtul f'għalqa magħrufa bħala Tal-Brigħen (?) fil-kuntrada Ta' Cordina, Għajnsielem.
- Fit-02/05/1877 sar il-funeral ta' Margarita Camilleri, ta' 55 sena, bint Joseph Carnimolla u Maria Anna Galea, il-mara ta' Paulus Camilleri, mill-Għarb, li nstabet maqtula b'diversi feriti f'rasha ġo bir fil-Giardinella Ta' Pinu, Ta' Għammar, l-Għarb.
- Fit-18/04/1895 sar il-funeral ta' (i) Carmelus Borg, ta' 70 sena, iben Paulus u Clara Caruana, ir-raġel ta' Rosa Galea, l-armel ta' Josepha Cassar, u (ii) Franciscus Xerri, iben Joseph u Antonia Mercieca, ġuvni, ta' 45 sena, li mietu mgħarrqa r-Ramla u l-katavru tagħhom baqa' ma nstabx.
- Fid-19/04/1895 sar il-funeral ta' Aloysius Borg, ġuvni, ta' 14-il sena, iben Carmelus u Rosa Galea, li miet mgħarraq (x'aktarx ir-Ramla mat-tnejn preċedenti) u l-katavru tiegħu nstab l-għada.
- Fid-09/10/1900 sar il-funeral ta' Joseph Buttigieg, ta' 45 sena, iben Salvator u Annuntiata Camilleri, ir-raġel ta' Carmela Sultana, mill-Qala, li miet mgħarraq f'Ras il-Qala (fir-Reġistru Pubbliku l-isem tal-mejjet irreġistrat bħala Franciscus).
- Fis-27/09/1904 sar il-funeral ta' Antonius Grima, ta' 32 sena, iben Georgius u Gratia Farrugia, ir-raġel ta' Evangelista Agius, li miet mgħarraq fl-Imġarr u l-katavru tiegħu baqa' ma nstabx.
- Fit-02/06/1909 sar il-funeral ta' Salvator Cassar, ta' 28 sena, iben Georgius u Theresia Cachia, ir-raġel ta' Margarita Farrugia, li għereq u l-katavru tiegħu baqa' ma nstabx.
- Fid-19/11/1916 sar il-funeral ta' Salvator Cassar, ġuvni, ta' 44 sena, iben Joannes u Maria Mercieca, li miet mgħarraq ix-Xwejni u l-katavru tiegħu nstab fl-24/11/1916.
- Fis-16/07/1938 sar il-funeral ta' Franciscus Caruana, ġuvni, ta' 39 sena, iben Michael Angelus u Rosaria Farrugia, li miet maqtul b'żewġ tiri ta' arma tan-nar fi Triq Għajn Qatet, ir-Rabat.
- Fid-18/09/1941 sar il-funeral ta' Joannes Bonnici, ta' 57 sena, iben Joseph u Joseph Saliba, ir-raġel ta' Joanna Camilleri, mill-Belt Valletta, li miet wara lil ċeda l-armar tal-injam li kien qed jaħdem fuqu biex jiskultra l-koppla tas-Santwarju Madonna Ta' Pinu. Miegħu miet ukoll l-ajjutant tiegħu Ċensu Buhagiar minn Ta' Kerċem.
- Fid-29/08/1947 sar il-funeral ta' Joseph Attard, ta' 47 sena, iben Joseph u Philomena Schembri, ir-raġel ta' Maria Anna Grima, u ż-żewġt itfal tiegħu Philomena, ta' 12-il sena, u Georgius, ta' 9 snin, li mietu bi splużjoni ta' *floating mine* (li nassumi sab il-missier fil-baħar u li splodiet waqt li kien qed jipprova jieħu l-porvli).
- Fit-30/10/1948 sar il-funeral ta' Joseph Scicluna, ta' 25 sena, iben Paulus u Maria Portelli, u ta' Franciscus Portelli, ta' 24 sena, iben Michael Angelus u Carmela Stellini, it-tnejn residenti Malta, li għerqu fit-traġedja ta' Ħondoq ir-Rummien.
- Fit-02/09/1949 sar il-funeral ta' Aloysia Tabone, ta' 36 sena, bint Georgius u Georgia Micallef, li mietet b'xokk elettriku.
- Fl-04/06/1959 sar il-funeral ta' Thomas Portelli, ta' 64 sena, iben Petru u Joanna Gatt, ir-raġel ta' Maria Antonia Cassar, li miet mgħarraq u l-katavru tiegħu nstab jumejn wara.
- Fit-02/01/1962 sar il-funeral ta' Franciscus Zammit, ta' 26 sena, iben Antonius u Dolores Tabone, li miet meta tilef il-kontroll tal-karozza u ħabat ma' siġra fi triq fil-limiti tax-Xagħra.
- Fl-01/09/1973 sar il-funeral ta' Joseph Attard, ta' 39 sena, bin Ignatius u Paula Camilleri, ir-raġel ta' Maria Portelli, li miet b'xokk elettriku.
- Fl-10/05/1975 sar il-funeral ta' George Ellis, ta' 23 sena, iben Anthony u Maria Dolores Cefai, li miet b'inċident tat-traffiku fix-Xewkija.
- Fil-15/06/1985 sar il-funeral ta' Riccardus Ellis, ta' 49 sena, iben Antonius u Dolores Cefai, ir-raġel ta' Rita Camilleri, li miet mgħarraq f'Marsalforn.
- Fil-11/02/1994 sar il-funeral ta' George Cremona, ta' 20 sena, iben Joseph u Maria Vella, li miet b'inċident tat-traffiku f'Għajnsielem.
- Fid-19/11/1996 sar il-funeral ta' Louis Mario Galea, ta' 44 sena, iben Francis Xavier u Antonia Attard, ir-raġel ta' Angela Camilleri, li l-katavru tiegħu nstab ġo bir f'Wied il-Għasri b'feriti ta' sparatura ġo rasu.
- Fit-13/04/2001 sar il-funeral ta' Michael Sacco, ta' 26 sena, iben George u Maria Vella, li miet b'inċident tat-traffiku fiċ-Ċirkewwa.
- Fit-02/12/2011 sar il-funeral ta' Kurt Gauci, ta' 21 sena, iben Raymond u Sandra Camilleri, li miet mgħarraq fil-port taċ-Ċirkewwa.

Meta din il-ħarġa kienet waslet biex tmur għall-istampa, faqqgħet bħal sajjetta fil-bnazzi l-aħbar li s-Sibt 18 ta' Jannar 2020 filgħodu mietet b'mewt traġika fi Mġarr ix-Xini s-suldat żagħżugħa Christine Gauci, hija u twettaq id-delizzju tagħha ta' bugħaddasa. Billi din it-tagħrifa hi rilevanti għas-suġġett ta' dan l-artiklu, rajna li jixraq ninkluduha hawn.



## L-Isqof Mario Grech maħtur Prosegretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet

Fit-2 ta' Ottubru 2019, il-Q.T. il-Papa Franġisku ħatar lill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, bħala Prosegretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet. L-Isqof Grech jassumi r-responsabbiltajiet ta' Segretarju Ġenerali meta mbagħad f'Awwissu li ġej il-Kardinal Lorenzo Baldisseri, li hu s-Segretarju Ġenerali attwali tas-Sinodu, itemm il-mandat tiegħu. Fil-frattemp, l-Isqof Grech ġie maħtur Amministratur Appostoliku għad-Djoċesi ta' Għawdex sakemm jinħatar Isqof ġdid għal Għawdex.

L-Isqof Djoċesan huwa wkoll id-Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana. Waqt li nifirħulu għal dan il-ministeru ġdid li qed jafdalu l-Kap tal-Knisja Kattolika, ningħaqdu mal-Knisja f'Għawdex fit-talb lill-Ispirtu s-Santu għall-għażla tas-suċċessur tiegħu fit-tmun tad-Djoċesi tagħna.

## Nifirħu lil...



• Mons. Ġużeppi Farrugia, eks Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, u li għal dawn l-aħħar sentejn qed iwettaq ħidma pastorali bħala *fidei donum* fl-Arċidjoċesi ta' Arles u Aix-en-Provence, fi Franza, fejn hu assistent fil-Parroċċi ta' Mallemort, Charleval, Vernegues, Alleins u, skont il-bżonn, fil-Parroċċa ta' Roque d'Antheron, li fl-20 ta' Settembru ġie maħtur mill-Arċisqof Christophe Dufour bħala Amministratur Parrokkjali tal-Unità parrokkjali ta' Pélissanne, Lançon-Provence, Aurons u La Barben.

**Is-Seminarista Andrew Grima fil-Parroċċa tagħna**



Minn Ottubru, is-seminarista Andrew Grima, mill-Parroċċa ta' San Lawrenz, ġie assenjat biex iwttaq ministeru pastorali fil-Parroċċa tagħna. Andrew jinsab fis-sitt sena ta' formazzjoni fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, u qed iħejji ruħu għall-Ordni tad-Djakonat. Għal dan il-għan, mhux biss qed ikun preżenti fil-Parroċċa ta' San Ġorġ fi tmiem kull ġimgħa, imma mir-Randan 'il quddiem ikun joqgħod ukoll fid-Dar Parrokkjali. F'din is-Sena Vokazzjonali fid-Djoċesi tagħna, nitolbu għal Andrew, għas-seminaristi kollha tagħna, u għal aktar vokazzjonijiet mill-komunità tagħna.



# PROĠETTI TA' RESTAWR

## Il-Faċċata tal-Bażilika

inklużi l-kampnari u l-ġnub

Bażilika San Ġorġ



# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Settembru — Diċembru 2019

*Andrew Formosa*

**» 6 ta' Settembru**
**06.00pm:** Fl-okkażjoni tas-sittin anniversarju mill-għoti tat-titlu ta' Bażilika lill-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ saret quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla.
**» 7 ta' Settembru**
**03.00pm:** Il-Kor tal-Parroċċa Laudate Pueri kanta fil-quddiesa mmexxija mill-Kardinal Prospero Grech fil-Katidral ta' Westminster f'Londra, fl-okkażjoni ta' Jum il-Vittorji.
**» 21 ta' Settembru**
**09.00am:** Saret Konċelebrazzjoni solenni fil-264 anniversarju mid-Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' San Ġorġ.
**» 25 ta' Settembru**
**07.00pm:** L-Isqof Musie Ghebreghiorghis OFMCAP ta' Emdeber, l-Etjopja mexxa quddiesa fl-okkażjoni tat-tieni anniversarju mill-mewt tal-missjunarju Mons. George Grima.
**» 26-28 ta' Settembru**
**06.00pm:** Ġie ċċelebrat it-Tridu bi tħejjija għall-Festa parrokkjali ta' San Mikiel.
**» 28 ta' Settembru**
**06.45pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-abbatini mmexxija mis-seminarista Andrew Grima li din is-sena qed jagħti servizz fil-Parroċċa fi tmiem il-ġimgħa.
**07.00pm:** Saret l-ewwel quddiesa tas-sena pastorali l-ġdida għat-tfal Għawdxin bl-awtiżmu flimkien mal-ġenituri tagħhom, fis-Sala Parrokkjali. F'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju Kateketiku Djoċesan, din kompliet issir kull xahar u titmexxa minn Dun Joseph Bajada.
**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Grupp tal-Familji, immexxija minn Dun Richard N. Farrugia. Il-laqgħat komplew isiru kull xahar fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 29 ta Settembru**
**06.00pm:** L-Arċipriet Joseph Curmi mexxa Konċelebrazzjoni solenni fil-Festa parrokkjali ta' San Mikiel.
**» 2 ta' Ottubru**
Tħabbar li l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, ġie maħtur mill-Papa Franġisku bħala Prosegretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet. B'effett minn dakinhar hu ġie maħtur Amministratur Appostoliku għal Għawdex.
**» 3 ta' Ottubru**
**08.00pm:** Sar il-ftuħ tas-sena ta' formazzjoni għall-Gruppi 23four tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-Parroċċa.
**» 6 ta' Ottubru**
**10.00am:** L-Arċipriet mexxa quddiesa li fiha ta l-Mandat tal-Knisja lill-katekisti u l-animaturi tal-gruppi. Din kienet ukoll l-ewwel Quddiesa tal-Familji u t-Tfal għas-sena pastorali l-ġdida.
**» 8 ta' Ottubru**
**08.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Grupp taż-Żgħażagħ 18+. Il-laqgħat komplew isiru kull nhar ta' Tlieta fil-Kappella tal-Università, l-Imsida.
**» 9-11 ta' Ottubru**
**06.00pm:** Ġie ċċelebrat it-Tridu bi tħejjija għall-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima.
**» 9 ta' Ottubru**
**08.00pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Gruppi tal-Adolexxenti tal-15+. Il-laqgħat għal din il-kategorija komplew isiru kull nhar ta' Erbgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 10 ta' Ottubru**
**05.30pm:** Bdew il-laqgħat ta' katekeżi ta' kull nhar ta' Ħamis għat-tfal u l-adolexxenti li huma kandidati għas-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni.
**» 11 ta' Ottubru**
**Filgħodu:** Saret ħarġa għall-anzjani tal-Parroċċa.
**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Gruppi tal-Adolexxenti tal-Forms 3 u 4. Il-laqgħat għal din il-kategorija komplew isiru kull nhar ta' Erbgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali.



**» 12 ta' Ottubru**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-quddiesa tal-Festa parrokkjali tal-Madonna ta' Fatima. Wara, saret purċissjoni qasira *aux flambeaux* bl-istatwa tal-Madonna fit-toroq ta' madwar il-Bażilika.
**07.30pm:** Saret l-ewwel laqgħa għall-Grupp tal-Familji, immexxija minn Dun Richard N. Farrugia. Il-laqgħat komplew isiru kull xahar fiċ-Ċentru Parrokkjali.
**» 13 ta' Ottubru**
**09.45am:** Bdiet fil-Parroċċa l-Mixja ta' Formazzjoni bi Tħejjija għaż-Żwieġ. Il-laqgħat komplew isiru, Ħadd iva u Ħadd le, fiċ-Ċentru Parrokkjali, immexxija mill-Arċipriet bl-għajnuna tal-koppji animaturi.
**» 17 ta' Ottubru**
Il-Parroċċa bdiet inizjattiva ta' talb f'din is-Sena Vokazzjonali b'katina ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija espost kull nhar ta' Ħamis fil-Kappella tiegħu l-ġurnata kollha.
**» 21 ta' Ottubru**
**07.15pm:** Beda l-kors ta' formazzjoni miftuħ għal familji żgħar u oħrajn mibni fuq il-Kmandamenti, bl-isem ta' 10k. Dan tmexxa mill-biblista Dun Noel Debono u beda jsir kull nhar ta' Tnejn, fid-Dar Parrokkjali.
**» 25 ta' Ottubru**
**12.30pm:** Bħala parti minn Festival Mediterranea, ittella' fil-Bażilika kunċert mill-Coro Lirico Siciliano.

**» 1-2 ta' Novembru**
Ġie organizzat *All Saints & Soul Bake Sale* fi Pjazza San Ġorġ bi ġbir ta' fondi għall-proġetti tal-Parroċċa.

**» 5 ta' Novembru**
**Filgħodu:** Saret ħarġa Malta għall-anzjani tal-Parroċċa.

**» 6 ta' Novembru**
**12.30pm:** L-Arċipriet, akkumpanjat minn saċerdoti tal-Parroċċa, mexxa quddiesa fl-ewwel jum tat-Tridu fil-Festa parrokkjali ta' San Koronatu fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur.

**» 9 ta' Novembru**
**06.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Amministratur Appostoliku għal Għawdex, mexxa Pontifikal fis-Solennità tad-Dedikazzjoni tal-Katidral tal-Lateran.

**» 14 ta' Novembru**
**04.30pm:** Bħala parti mill-formazzjoni tagħhom u fl-okkażjoni tas-Sena Vokazzjonali, il-kandidati tal-Griżma tal-Isqof għamlu żjara lis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex.

**» 17 ta' Novembru**
Matul il-ġurnata beda jintrama l-iscaffolding fuq il-presibiterju tal-Bażilika. Tqiegħdet struttura li tlaħħaq mat-travi li tpoġġew mad-dawra ta' isfel tal-koppla. Sadanittant, iżżarmat ukoll l-istruttura tal-ħadid li kienet fil-koppla u li kienet qed tintuża għar-restawr u d-dekorazzjoni tal-koppla. Wara, bdew jiżżarmaw it-travi ta' madwar il-koppla u fid-19 ta' Novembru l-koppla nfetħet wara aktar minn sena magħluqa.

**» 21 ta' Novembru**
**05.30pm:** Saret adorazzjoni b'talb għat-tarbija fil-ġuf organizzata mill-Komunità Anawin.
**05.00pm:** Il-Kan. Simon Mario Cachia, saċerdot mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, għamel il-Pussess solenni bħala Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana.

**» 30 Novembru – 1 ta' Diċembru**
Il-Grupp 23four organizza t-tielet edizzjoni ta' *Christmas Loading* fi Pjazza San Ġorġ, attività għall-bidu tal-Avvent bi ġbir ta' fondi b'risq il-ħidma pastorali. Is-Sibt filgħaxija, fl-10.30pm, saret quddiesa tal-ftuħ tal-Avvent għad-dawl tax-xemgħa fil-Bażilika. Fl-aħħar tagħha l-Arċipriet xegħel is-Siġra tal-Karità fuq l-Altar ta' San Mikiel, fejn il-parruċċani matul l-Avvent setgħu jagħżlu x'oġġetti joffru b'għajnuna ta' karità lil Dar Arka, il-Crèche tal-Ursolini, u l-Jesuit Refugee Service.

**» 5 ta' Diċembru**
**5.30pm:** It-tfal tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof inġabru għal mument ta' katekeżi u t-talba tar-Rużarju quddiem l-Immakulta Kunċizzjoni fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali bi tħejjija għall-Festa tagħha.

**» 13 ta' Diċembru**
**Filgħodu:** Saret ħarġa għall-anzjani tal-Parroċċa f'Malta.
**08.00pm:** Il-Kor tat-Tfal tat-Teatru Astra Piccole Stelle tella' Kunċert tal-Milied, *Carolling Christmas*, taħt id-direzzjoni ta' Sylvana Cini, fil-Bażilika.

**» 15 ta' Diċembru**
**08.00pm:** Il-Chorus Urbanus żamm il-tnejn u għoxrin edizzjoni tal-Kunċert tal-Milied, taħt id-direzzjoni ta' Dr John Galea, u bis-sehem tal-Urbanus Festive Orchestra.

**» 15-23 Diċembru**
**06.00pm:** Inżammet in-Novena tal-Milied fil-Bażilika, bit-tema vokazzjonali *Ġesù jiġi fid-dinja… permezz tiegħi*, u tmexxiet mill-Arċipriet. Din kienet tinkludi fi tmiemha l-kant tal-Alma u l-Barka Ewkaristika.

**» 21 ta' Diċembru**
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-quddiesa tan-Novena li fi tmiemha fetaħ u bierek uffiċjalment il-post il-ġdid mnejn reġa' beda jopera l-Istazzjon tar-Radju tal-Parroċċa, Leħen il-Belt Victoria. Iż-żewġ studjows ġew mgħammra bl-aħħar teknoloġija biex jistgħu jiffaċilitaw skedi ġodda mis-sena 2020.



**» 24 ta' Diċembru**
**04.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Ewwel Għasar tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.
**11.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija Solenni tal-Lejl tal-Milied, li bdiet bl-Uffiċċju tal-Qari u l-Prietka tradizzjonali tat-Tfajjel minn Kurt Cutajar, abbati tal-Bażilika. Wara, kompliet il-Konċelebrazzjoni solenni ta' Nofsillejl. Wara li ntemmet iċ-ċelebrazzjoni fil-Bażilika, inżamm festin fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 25 ta' Diċembru**
**11.00am:** Mons. Isqof mexxa l-Pontifikal, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Fil-Pontifikal, Dun Geoffrey George Attard u Dun Richard Nazzareno Farrugia ngħataw il-ħatra ta' Kanonċi effettivi tal-Kolleġġjata.

**» 27 ta' Diċembru**
**Filgħodu:** Saret mawra Malta għall-Gruppi tal-Adolexxenti tal-Forms 3-5 fejn qassmu r-rigali miġbura tul in-Novena lill-Jesuit Refugee Services.
**06.00pm:** Mons. Isqof mexxa Pontifikal, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-Solennità Lateranensi ta' San Ġwann Appostlu u Evanġelista.
**07.30pm:** Saret l-Inawgurazzjoni uffiċjali tar-restawr tal-koppla tal-Bażilika minn ġewwa. Francesco Pio Attard introduċa s-serata, waqt li Dr Paul George Pisani, Valentina Lupo u l-Arċipriet Joseph Curmi għamlu diskorsi tal-okkażjoni. Ir-restawr sar mill-kumpanija Atelier del Restauro u ġie parzjalment iffinanzjat minn fondi Ewropej. Fl-aħħar, Dr Justyne Caruana, Ministru għal Għawdex, ħabbret l-għotja ta' €65,000 għas-sistema ġdida ta' illuminazzjoni għall-faċċata u l-koppla tal-Bażilika. Wara, inżamm ir-Riċeviment annwali għall-Kollaboraturi u Benefatturi tal-Parroċċa.

**» 28 ta' Diċembru**
**Filgħodu:** Saret mawra Malta għall-Grupp tal-Adolexxenti fejn tqassmu aktar rigali miġbura fi żmien tan-Novena.

**» 29 ta' Diċembru**
**12.30pm:** Saret ikla għall-persuni anzjani u dawk li jgħixu waħidhom, fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**» 31 ta' Diċembru**
**05.00pm:** Mons. Isqof mexxa l-Pontifikal tal-Aħħar tas-Sena, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li ntemm bil-kant tat-Te Deum b'radd il-ħajr fi tmiem is-sena.


9


10


12


12


25